


# « Il-misteru moħbi ta' Alla ġie rivelat fi Kristu »

*(ara Rum 16, 25; Ef 3,5; Kol 1,26; 1 Tim 3,16)*

*Sussidju teoloġiku-liturġiku-pastorali għall-Avvent*

*Djoċesi ta' Għawdex (2008)*

# 1. L-IKONA TAL-AVVENT

## “Id-Dehra tal-Mulej Irxuxtat lil San Pawl fit-Tempju”

L-ikona tinsab fil-Monasteru Benedittin ta’ *Mount Angel* (Oregon, USA), u tqegħdet fil-knisja tal-monasteru biex tkun sinjal li jfakkar l-elfejn sena mit-twelid ta’ San Pawl.

L-ikona tirrappreżenta ġrajja mill-Atti tal-Appostli (22,17-21):
“Rġajt lura lejn Ġerusalemm, u waqt li darba kont qiegħed nitlob fit-tempju, dħalt f'estasi. Rajt lill-Mulej u qalli, 'Fittex oħroġ malajr minn Ġerusalemm, għax mhumiex se jilqgħu x-xhieda tiegħek għalija.'Jiena weġibt, 'Mulej, huma jafu li jien kont immur minn sinagoga għal oħra nitfa' l-ħabs u nsawwat lil dawk li jemmnu fik. U meta kienu qegħdin ixerrdu d-demm ta' Stiefnu, ix-xhud tiegħek, jien ukoll kont hemm u qbilt magħhom u qgħadt għassa tal-ħwejjeġ ta' dawk li kienu qegħdin iħaġġruh.' Imma hu qalli, 'Mur, għax jien se nibagħtek 'il bogħod, fost il-pagani.'"

Din ix-xbieha għandha diversi tifsiriet. L-ewwel, waqt li San Pawl kien sema’ leħen il-Mulej fit-triq ta’ Damasku, ġrajja li wasslet għall-konverżjoni tiegħu, kien importanti li San Pawl effettivament jara lill-Mulej b’għajnejh, b’mod li jkollu esperjenza tal-umanità ta’ Kristu. It-tieni, f’din il-ġrajja San Pawl jirċievi mill-ġdid il-mandat minn fomm Kristu biex iwassal il-vanġelu lill-ġnus. It-tielet, bħala Lhudi devot, San Pawl kien jitlob fit-Tempju kull meta jżur Ġerusalemm. F’din id-dehra San Pawl jifhem li Kristu nnifsu fl-umanità tiegħu hu t-Tempju l-Ġdid, liema tempju issa jinsab fil-Knisja, il-Ġisem Mistiku ta’ Kristu. (ara http://www.mountangelabbey.org/pauline-year-icon.htm).

It-tema għal dan is-sussidju – ***Il-Misteru moħbi ta’ Alla ġie rivelat fi Kristu*** –, meħuda mill-ittri ta’ San Pawl, hi marbuta mas-Sena Pawlina. San Pawl mhux biss għamel esperjenza personali ta’ Kristu – daħal fil-qalba tal-misteru rivelat (Ef 3,4), imma wkoll wassal dan il-misteru ta’ Kristu fost il-ġnus. Permezz tat-tema magħżula, is-sussidju:

1. jakkumpanjana fil-mixja liturġika tal-Avvent, dik li twassalna biex nikkontemplaw u ngħixu permezz tat-tifkira liturġika l-ewwel miġja ta’ Kristu – “ix-xbieha ta’ Alla li ma jidhirx” (Kol 1,15) u li issa “deher fostna fil-ġisem” (1 Tim 3,16): id-dehra, ir-rivelazzjoni tal-Iben ta’ Alla nkarnat quddiem il-bnedmin; imma wkoll li norjentaw il-ħajja tagħna fi stennija tad-“dehra hienja tas-salvatur tagħna Sidna Ġesù Kristu” (mil-liturġija tal-quddiesa; ara 1 Kor 1,7) fl-aħħar taż-żmien;
2. jurina r-rabta teoloġika u liturġika li l-ġrajja tal-Inkarnazzjoni/Twelid ta’ Kristu għandha mal-ġrajja tal-Għid tal-Mulej: hekk nifhmu aktar il-Liturġija bħala mixja tal-Knisja hi u tiċċelebra b’mod sħiħ il-Misteru rivelat ta’ Kristu (SC 102);
3. (f’rabta mas-Sena Pawlina) ipoġġi quddiem il-figura ta’ San Pawl bħala dak li mhux biss kellu r-rivelazzjoni ta’ Kristu, imma wkoll dak li permezz tal-minsiteru apostoliku tiegħu u permezz tal-ittri għadu sal-lum ixandar u jwassal lil Kristu lill-ġnus;
4. (f’rabta mal-Missjoni Djoċesana li qegħdin niċċelebraw) iqanqalna aktar biex inkunu “missjunarji”, jiġifieri li nilqgħu l-istedina tal-Knisja biex inwasslu li Kristu jkun “manifestat/rivelat” fil-familji, fid-djar tagħna, u fis-soċjetà tagħna.

# 2. TĦABBIRA TAL-AVVENT

## *L-Avvent: Ta' kull sena hu l-bidu tas-Sena Liturġika*

Bl-Avvent nagħtu bidu għal sena liturġika ġdida, li matulha l-Knisja tqassam il-misteru ta' Kristu mill-Inkarnazzjoni sar-ritorn tal-Mulej (*Sacrosanctum Concilium* 103). Hekk ta' kull sena nibdew mill-bidu l-festi u l-kontemplazzjoni tas-sena liturġika, jiġifieri tal-misteru ta' Kristu. Imma din mhijiex xi ħaġa monotona, li ta' kull sena nirrepetu l-istess festi u żminijiet liturġiċi?

Kollox hu l-istess u monotonu għal min jibqa' fil-qoxra ta' barra. Min jidħol fl-ispirtu tal-liturġija, iżda, jaħsibha mod ieħor – ikun qisu tiela' dejjem iżjed lejn l-għoli tal-misteru ta' Kristu. Kif jinnota San Girgor ta' Nissa, min jitla' ma jieqaf qatt, waqt li jgħaddi minn bidu għal bidu u l-bidu ta' ġid dejjem akbar qatt m'għandu tmiem. Ix-xewqa ta' min jimxi 'l quddiem qatt ma tieqaf fil-ġid li diġà jaf (*Sermo* 8). Għalhekk, dan iċ-ċiklu tas-sena liturġika m'għandniex nifhmuh bħala ċiklu ta' żmien li jirritorna jew li jirrepeti ruħu l-istess bħal qabel jew qisu xi linja dejjem miexja u qatt ma tasal fid-destinazzjoni tagħha. Irridu nħarsu lejh f'sens Nisrani bħala moviment axxendenti f'ċirki li l-mezz u l-fini tiegħu huma l-misteru ta' Kristu. Dan il-kunċett teoloġiku tas-sena liturġika, li l-Konċilju Vatikan II ħa b'mod wiesa', ġej l-ewwelnett miċ-ċelebri teologu Odo Casel. Wara li Kristu sar bniedem, iż-żmien hu kollu kemm hu "żmien mimli bi Kristu: iż-żmien ta' Kristu". (Ara wkoll Ġwanni Pawlu II, Ittra Apostolika *Tertio millennio adveniente*, n. 10.)

Biż-żminijiet u l-festi tul is-sena liturġika, aħna mistiedna ngħixu l-misteru ta' Kristu, mill-ġuf ta' Marija sat-tron tal-Maestà divina. Mhux biżżejjed li nsegwu u nikkontemplaw id-dettalji tal-ħajja fuq l-art tal-Mulej billi jkollna sentimenti ta' pjetà tenera u nieqfu hemm, imma jeħtieġ li nikkontemplaw ir-realtà oġġettiva u pnewmatika tagħhom. Ejjew ma niċċelebrawx l-Avvent b'dispożizzjonijiet ta' bnedmin mhumiex mifdija, imma ċerti li l-Messija ġie; inħejju rwieħna biex nirċevuh u nfittxu fl-eżempju tal-ġusti tat-Testment il-Qadim mudell siewi li għandna nimitaw.

**Jiġi l-Mulej**

It-teoloġija tal-Avvent iddur madwar żewġ prospettivi ewlenin. Min-naħa, bil-kelma "*adventus*" (miġja), nifhmu l-anniversarju tal-ewwel miġja tal-Mulej; min-naħa l-oħra, nistennew it-tieni miġja fl-aħħar taż-żminijiet. Żmien l-Avvent, allura, għandu żewġ karatteristiċi: hu żmien ta' tħejjija għas-solennità tal-Milied, li tulu niftakru fl-ewwel miġja tal-Iben ta' Alla fosna l-bnedmin u fl-istess ħin hu ż-żmien li tulu, permezz ta' din it-tifkira, l-ispirtu jiġi ggwidat għall-istennija tat-tieni miġja ta' Kristu fl-aħħar taż-żmien. Infatti, l-ewwel parti tal-Avvent tinsisti preċiżament fuq il-*parousia*, l-aħħar miġja tal-Mulej.

X'għandna nagħmlu allura? L-Avvent hu żmien ta':

(a) **stennija**: niftakru fl-ewwel miġja umli ta' Ġesù fil-ġisem u nistennew l-aħħar miġja glorjuża ta' Kristu bħala Sid tal-istorja u Imħallef universali;

(b) **konverżjoni**: imqanqlin mil-liturġija li spiss tikkwota l-profeti, speċjalment lil San Ġwann Battista, "Indmu għax is-saltna tas-sema hi fil-qrib" (Mt 3, 2);

(c) **tama** bil-ferħ li s-salvazzjoni li diġà ġabilna Kristu tasal għall-milja tagħha u hekk niksbu dak li hu mwiegħed lilna bil-fidi. Skont il-Papa Benedittu XVI, "L-Avvent hu, per eċċellenza, ż-żmien tat-tama" (1.12.2007).

**'*Sacramentum*'**

L-Avvent hu marbut mal-Milied għax hu t-tħejjija għalih. Il-Milied, li jaf il-bidu tiegħu bħala kontro-festa b'risposta għall-festeġġjamenti pagani tax-xemx, ta' Ruma u fl-Eġittu (25 ta' Diċembru, 6 ta' Jannar), u li jidher għall-ewwel darba fil-Kronografu tat-354 ta' Furio Dionisio Filocalo mhuwiex sempliċi memorja jew tifkira storika ta' ġrajja passata.

Aktar minn hekk, huwa "*sacramentum*", kif jgħallimna San Iljun il-Kbir. San Iljun uża frażijiet fil-priedki tiegħu bħal "*Sacramentum Natalis Christi*" ("Sagrament tal-Jum tat-Twelid ta' Kristu") jew "*Nativitatis dominicae sacramentum*" (sagrament tat-twelid tal-Mulej". B'sagrament nifhmu sinjal sensibbli li fl-istess ħin ifisser il-grazzja u jagħtiha. F'sens wiesa', hekk isir fil-ċelebrazzjoni liturġika tal-Milied, għaliex il-misteru tat-twelid ta' Ġesù, l-Iben ta' Alla, isir realtà ħajja.

Jekk ngħarblu ftit u nistaqsu x'inhu dak li lill-Milied jagħmlu "*sacramentum*", fis-sens appena spjegat, insibu li hi b'mod speċjali l-*Kelma ħajja ta' Alla*, li tiġi mxandra u milqugħa b'fidi mill-ġemgħa liturġika u ċ-*ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija* li jirrendu l-misteru tat-twelid ta' Kristu bħala realtà ħajja. Kif jgħid San Pietru Ġiljan Eymard, "kieku l-Mulej tagħna ma kienx jgħix fis-sagrament tiegħu, il-festi Nsara kollha tagħna ma kienu jkunu xejn ħlief serje ta' servizzi ta' funeral. L-Ewkaristija hi x-xemx li tagħti dawl, ħajja u ferħ lill-festi tal-knisja". Dan ma jseħħx biss fit-Tridu Paskwali, li hu l-qofol tas-sena liturġika kollha, imma anke fis-Solennità tal-Milied u f'kull quddiesa.
Minn dan kollu joħroġ ċar li s-sens tal-Avvent joħroġ mill-mixja mal-Kelma ħajja ta' Alla, speċjalment mas-siltiet bibliċi li tipproponilna f'dan iż-żmien il-liturġija, u miċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija.

**Rabta mal-Misteru tal-Għid**

Hu lejn tmiem ir-raba' seklu li niltaqgħu fil-Gallja u fi Spanja mal-ewwel perjodu ta' tħejjija għall-festa tal-Milied. Fir-raba' seklu, iż-żminijiet tal-Għid u tar-Randan kienu diġà ħadu xejra qrib ħafna lejn dik tal-lum. Allura ġara li meta beda jiddetermina ruħu l-bżonn ta' perjodu ta' tħejjija għall-festi tal-manifestazzjoni tal-Mulej, il-Knisja kienet diġà ffissat il-mod kif titħejja għall-festi tal-Għid.

Ma nistagħġbux li l-Avvent twieled b'xejra simili għar-Randan. Infatti, iċ-ċelebrazzjoni tal-Milied sa mill-bidu kienet ikkonċepita bħala ċ-ċelebrazzjoni tal-qawmien ta' Kristu fil-jum li fih issir it-tifkira tat-twelid tiegħu. Aktar 'il quddiem, ġew iddedikati sitt ġimgħat ta' tħejjija għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-Milied. F'dan il-perjodu, bħal fir-Randan, xi jiem ġew ikkaratterizzati bis-sawm.

Għalkemm illum l-Avvent mhuwiex iċċelebrat bħala perjodu purament penitenzjali, imma pjuttost bħala żmien ta' stennija bil-ferħ, bħar-Randan huwa marbut mal-misteru tal-Għid ta' Kristu, iċċelebrat fl-Għid il-Kbir u f'kull quddiesa.

## Iċ-ċelebrazzjoni liturġika

Żmien l-Avvent jibda bl-Ewwel Għasar tal-Ewwel Ħadd tal-Avvent u jintemm qabel l-Ewwel Għasar tal-Milied. Hu kkaratterizzat minn żewġ mixjiet – ta' nhar ta' Ħadd u dik ta' matul il-ġimgħa – it-tnejn mibnija fuq il-Kelma ta' Alla.

(a) Fil-Ħdud, il-qari tal-Vanġelu jirreferi għall-miġja tal-Mulej fl-aħħar taż-żmien, għal San Ġwann Battista u għall-ġrajjiet li ġraw immedjatament qabel it-twelid tal-Mulej. Il-qari mit-Testment il-Qadim fih il-profeziji fuq il-Messija u fuq iż-żmien Messjaniku u hu meħud fuq kollox mill-Ktieb tal-Profeta Isaija. Il-qari minn San Pawl fih twissijiet u tħabbiriet li jaqblu mal-karatteristiċi ta' dan iż-żmien liturġiku.

(b) Fil-ferji hemm żewġ serji ta' qari: waħda mill-bidu tal-Avvent sas-16 ta' Diċembru u l-oħra mis-17 sal-24. Fl-ewwel parti tal-Avvent isir qari mill-Ktieb ta' Isaija u l-għażla tal-Vanġeli ta' dawn il-jiem saret b'riferenza għall-ewwel qari. Mill-Ħamis tat-tieni ġimgħa jibda l-qari tal-Vanġelu dwar San Ġwann Battista; mentri l-ewwel qari hi jew kontinwazzjoni tal-Ktieb ta' Isaija jew test ieħor magħżul b'riferiment għall-Vanġelu. Fl-aħħar ġimgħa qabel il-Milied, jinqaraw siltiet mill-Vanġelu skont San Mattew u San Luqa. Għall-ewwel qari ntagħżlu testi mit-Testment il-Qadim li jirreferu għall-Vanġelu, fosthom xi profeziji messjaniċi ta' importanza kbira.

## Il-Verġni Omm Alla

L-Omm tagħna Marija – li fit-8 ta' Diċembru tiġi ċċelebrata s-solennità tat-tnissil tagħha bla tebgħa – hi mudell fil-ħajja Nisranija kollha u b'mod partikolari fil-mixja liturġika tal-Avvent.

# 3. L-ISPIRTU TAL-AVVENT FIT-TAGĦLIM TA' SAN PAWL

***"U jien dan nitlob: li l-imħabba tagħkom tikber u toktor dejjem iżjed bil-għerf u b'kull dehen, biex tistgħu tagħrfu tagħżlu l-aħjar, u mbagħad tkunu safja u bla ebda ħtija fil-jum ta' Kristu" (Fil 1:9-10)***

## Żmien l-Avvent

L-Avvent huwa ż-żmien liturġiku li jinkludi l-erba' Ħdud ta' tħejjija għall-ġrajja tal-Milied u li bih tibda wkoll is-Sena Liturġika tal-Knisja. Il-kelma 'avvent' ġejja mil-latin 'adventus', li fil-lingwaġġ ċivili kienet tfisser il-wasla ta' persunaġġ importanti, per eżempju tal-imperatur jew tas-sultan; għalina l-Insara hija l-miġja ta' Kristu.

Żmien l-Avvent għandu karatteristika doppja; l-ewwelnett hu żmien ta' thejjija għall-Milied, li fih titfakkar l-ewwel miġja tal-Iben ta' Alla fost il-bnedmin: "U l-Verb sar bniedem u għammar fostna…" (Ġwanni 1:14). Fl-istess waqt hu ż-żmien li fih in-Nisrani huwa miexi f'din l-istennija tat-tieni miġja ta' Kristu fl-aħħar taż-żminijiet. L-avvent mela huwa żmien ta' stennija lil Kristu f'atmosfera ta' ferħ u ħeġġa, kif indikat bil-kulur liturġiku vjola ċar. Dan jagħmel sens kbir għax min jishar u jkun ippreparat, jixxennaq waqt li jistenna, u mhux jibża'!

Din kienet l-esperjenza tal-poplu tar-Rabta l-Qadima fl-istennija tiegħu għal sekli sħaħ għall-Messija, kif ukoll tal-Insara fir-Rabta l-Ġdida għat-Tieni Miġja tiegħu. L-Avvent kien ukoll l-istennija materna tal-Madonna għat-twelid ta' Ġesù, u issa llum l-Avvent huwa l-istennija tagħna.

F'dan is-sussidju ser naraw dawn iż-żewġ dimensjonijiet tal-Avvent tal-'passat' u tal-'futur' marbuta flimkien bil-preżent, fl-ittri u fit-tagħlim tal-Appostlu Missierna San Pawl.

## 3.1. L-'Ewwel Avvent'

San Pawl bħala Lhudi u mħarreġ sewwa taħt il-liġi tal-Fariżej kien qed ukoll mingħalih jistenna l-miġja tal-Messija, għalkemm il-Messija kien diġà ġie u l-Lhud ma għarfuhx. Din l-istennija għamja ta' San Pawl tintemm ħabta u sabta mas-'sabta' tiegħu fl-art minn fuq iż-żiemel fit-Triq ta' Damasku, fejn jiltaqa' mal-Messija ħaj u veru. Esperjenza li tissarraf fil-ħidma fejjieda tiegħu li jxandar akkost ta' kollox dan il-ferħ tal-Evanġelju tal-Messija rebbieħ fuq il-mewt darba għal dejjem: «Ħuti, irrid infakkarkom fl-Evanġelju li xandarnielkom u li intom ilqajtu u li fih qegħdin iżżommu sħiħ. Bih intom salvi bil-kelma li jien ħabbartilkom, kemm-il darba żżommuha, jekk ma emmintux għal xejn. Qabel xejn, jien għallimtkom dak li tgħallimt jien, jiġifieri, li Kristu miet minħabba dnubietna, skont l-Iskrittura; difnuh u qam mill-imwiet fit-tielet jum, skont l-Iskrittura » (1 Kor 15 :1-4).

### 3.1.1. L-Istennija tal-Poplu Lhudi fl-Antik Testment

Dan il-ħsieb tal-istennija tal-poplu Lhudi tal-Antik Testement għall-miġja tal-Messija, jiġifieri dan l-ispirtu tal-'Ewwel Avvent' narawh tajjeb fil-bidu tal-Ittra ta' San Pawl lir-Rumani, fejn naraw il-ħsieb tiegħu dwar Kristu li hu bin David bħala bniedem u

Bin Alla. Għalhekk huwa jħeġġeġ din il-fidi f'Ġesù Kristu li hija importanti għas-salvazzjoni: « Dan hu l-Evanġelju li Alla kien wiegħed permezz tal-profeti fil-Kotba Mqaddsa dwar Ibnu Ġesù Kristu Sidna li, skont it-tnissil tal-ġisem, twieled min-nisel ta' David, u skont l-Ispirtu s-Santu, kostitwit bħala l-Iben ta' Alla b'kull qawwa permezz tal-qawmien mill-imwiet.''(Rum 1:2-4). L-istennija ta' Jum il-Mulej (bl-ebrajk: yom YHWH) hija punt ċentrali fit-tagħlim profetiku tal-Antik Testment fl-istennija tal-Messija li kellu jsalva lil Iżrael. Din il-wegħda li Alla għamel ma' Iżrael seħħet fi Kristu l-Messija (li jfisser il-Midluk, bil-grieg: Christos) fit-twelid tiegħu ġewwa Betlehem (ara Rum 9:4-5).

### 3.1.2. Il-Misteru tal-Inkarnazzjoni

Il-qofol ta' dan il-kbir misteru li fih huwa marbut dan l-ispirtu tal-Avvent, insibuh fl-Ittra ta' San Pawl lill-Filippin. Huwa proprju fil-kapitlu 2, versi 6-11 fejn insibu kapulavur ta' innu li juri l-kobor tal-Misteru tal-Inkarnazzjoni: "Hu li kellu n-natura ta' Alla ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla, iżda xejjen lilu nnifsu billi ħa s-sura ta' lsir; sar jixbah lill-bnedmin, u deher minn barra bħala bniedem; huwa umilja ruħu billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib. Għalhekk Alla għollieh sas-smewwiet, u tah isem li hu fuq kull isem, biex fl-isem ta' Ġesù il-ħlejjaq kollha fis-sema, fl-art u taħt l-art jinżlu għarkupptejhom, u kull ilsien jistqarr li Ġesù Kristu hu l-Mulej għall-glorja ta' Alla l-Missier". Żgur li dan l-innu lil Kristu (għalhekk Kristoloġiku) li jurina San Pawl, kien użat fil-liturġija tal-ħajja tal-ewwel Insara. Fih naraw il-qofol tat-tagħlim ta' San Pawl dwar Ġesù Kristu (Kristologija Pawlina) li għalih kien kollox: "Għax għalija l-ħajja hi Kristu u l-mewt qligħ" (Filippin 1:21). Huwa innu ta' ferħ u eżaltazzjoni li jaqbel tassew mal-ferħ f'dan iż-żmien ta' ferħ li jġib it-Twelid ta' Kristu.

### 3.1.3. Il-Ferħ tan-Nisrani

Meta wieħed jifli sewwa t-tagħlim ta' San Pawl jista' jinduna b'dan l-ispirtu ta' ferħ, liema ferħ huwa ried inissel fil-komunitajiet li huwa kien waqqaf: "Niżżi ħajr lil Alla tiegħi kull meta niftakar fikom; u kull darba li nitlob għalikom ilkoll, nitlob bil-ferħ minħabba s-sehem li intom ħadtu fit-tixrid tal-evanġelju mill-ewwel jum sa issa. U jien qalbi qawwija li Dak li beda fikom dax-xogħol ta' fejda, ikomplih sa ma jtemmu fil-jum ta' Kristu Ġesù. Intom dejjem f'qalbi" (Fil 1:3-8). Naraw fuq kollox f'San Pawl il-ferħ tal-Evanġelju ta' Kristu, il-ferħ li tnissel il-fidi, il-ferħ fit-talb, il-ferħ tal-konverżjoni, il-ferħ bħala don, il-ferħ tal-laqgħa, u anke l-ferħ marbut mat-tbatija għal Kristu: "u dan iġegħilni nemmen li nibqa' u ndum magħkom ilkoll għall-aħjar tagħkom u għall-ferħ tal-fidi tagħkom, biex tifirħu bija fi Kristu Ġesù meta nerġa' niġi għandkom" (Fil 1:25-26).

L-imħabba fil-komunità għal Pawlu kienet fuq kollox espressjoni tal-imħabba għal Kristu; u għalhekk taqbel ħafna hawnhekk il-frażi ta' San Ġwann Krizostmu 'Cor Pauli cor Christi' – 'Qalb Pawlu, Qalb Kristu', jiġifieri nagħrfu l-qalb ta' Kristu permezz dik ta' Pawlu: "U jien dan nitlob: li l-imħabba tagħkom tikber u toktor dejjem iżjed bil-għerf u b'kull dehen, biex tistgħu tagħrfu tagħżlu l-aħjar, u mbagħad tkunu safja u bla ebda ħtija fil-jum ta' Kristu" (Fil 1:9-10).

## 3.2. It-'Tieni Avvent'

It-Twelid tal-Feddej m'għandux ikun ġrajja tal-istorja għan-Nisrani , imma huwa misteru dejjem ħaj u dinamiku u għandu jorjenta lin-Nisrani fl-istennija tiegħu fil-futur

tat-tieni miġja ta' Kristu fil-Jum tal-Mulej. Huwa għalhekk bħalma l-poplu kien jistenna l-Messija qabel il-miġja tiegħu, u l-ewwel Insara kien jistennew bil-ħerqa, aħna llum qegħdin ukoll nistennew lil Ġesù ġej f'dan l-ispirtu tat-'Tieni Avvent'. Dan narawh fuq kollox fil-ħsibijiet ta' San Pawl dwar it-Tieni Miġja ta' Kristu (bħala 'il-Kyrios', li hu titlu bil-Grieg per eċċellenza li juża San Pawl fl-eskatoloġija tiegħu – eskatoloġija pawlina). Il-kelma 'Eskatoloġija' ġejja mill-kelma Griega 'eskaton' li tfisser "tal-aħħar". Għalhekk l-Eskatoloġija hija l-istudju dwar il-veritajiet tal-aħħar.

### 3.2.1. Nishru ma' Kristu

Din l-istennija titlob min-Nisrani impenn u azzjoni li nimxu wara Kristu. F'Rumani 13:11-14, naraw il-kapulavur teoloġiku ta' San Pawl fejn iħeġġeġ sabiex nilbsu d-dawl ta' Kristu u nwarrbu d-dlam tal-immoralità: "il-lejl għoddu għadda u qorob il-jum. Inwarrbu mela l-għemil tad-dlam u nilbsu l-armi tad-dawl" (v.12). Il-'lejl' fil-Bibbja huwa marbut mad-dnub, mal-ħażen u fuq kollox mal-ħalliel li jħarbat u jisraq. San Pawl jistedinna sabiex nilbsu (bil-grieg: 'enduo') u għalhekk 'inpoġġu fuqna' d-Dawl ta' Kristu, ħalli niddawlu biH. Dan jiftiehem ħafna fit-talba tal-Avvent fil-liturġija Biżantina: "Fina nfusna, ulied, hemm l-għajn li tibqa' miftuħa lejl u nhar li tħarisna." Dan huwa s-sinjifikat tax-xemgħat tal-Avvent li jinxtegħlu fil-Ħdud ta' dan iż-żmien liturġiku, fil-'mejda' jew 'kuruna' jew fis-'siġra' tal-Avvent.

Għalhekk in-Nisrani miexi wara Kristu li ġej, qiegħed diġà jagħmel l-esperjenza ma' Kristu u fi Kristu. Dan huwa espress f'San Pawl bil-formula Griega 'en Christo' li nsibuha madwar 150 darba fl-ittri tiegħu.

### 3.2.2. It-Tieni Miġja ta' Kristu

Dan il-ħsieb eskatoloġiku f'San Pawl narawh b'mod partikulari fiż-żewġ ittri tiegħu lit-Tessalonkin, l-ewwel ittri li kiteb. F'dawn iż-żewġ ittri, San Pawl jitkellem l-iktar dwar ir-Ritorn jew it-Tieni Miġja Glorjuża ta' Ġesù jew il-Parusija (bil-Grieg: parousia, li tfisser 'miġja' jew 'preżenza') u għalhekk in-Nisrani għandu jkun ppreparat bil-fidi: "Ħalli jkollkom qdusija bla għajb, quddiem Alla Missierna, għal meta jiġi Sidna Ġesù mdawwar bil-qaddisin tiegħu" (1 Tess 3:13; ara wkoll 1 Tess 4:13–5:11; 2 Tess 2:1-12; Fil 3:20 u Kol 3:1-4). Huwa jisħaq li n-Nisrani għandu jaħdem u jagħmel it-tajjeb waqt li jistenna lill-Mulej għaliex ħadd ma jaf meta dan ser iseħħ. San Pawl jistedinhom biex jaħdmu u ma jitgħażżnux għax importanti li wieħed ikun ippreparat għall-Miġja tal-Mulej, u mhux jistennew u ma jagħmlu xejn bħalma kienu qegħdin jagħmlu xi wħud: "biex ma toqogħdux titħawdu u tinħasdu bħallikieku l-miġja tal-Mulej qorbot u la jekk tkunu mnebbħin mill-Ispirtu u lanqas jekk tisimgħu xi kelma jew taqraw xi ittra taparsi minn għandna" (2 Tess 2:2); "Issa aħna smajna li hemm xi wħud fostkom li qegħdin jitgħażżnu; mhumiex jaħdmu imma qegħdin jinħlew fix-xejn" (2 Tess 3:11).

Huwa fil-fatt jurihom kemm hu u sħabu, filwaqt li kienu jistennew il-miġja tal-Mulej, kienu lkoll jaħdmu għall-għajxien tagħhom: "Intom, ħuti, tiftakru fit-taħbit u t-tbatija kbira tagħna, aħna ħdimna bil-lejl u bi nhar biex ħadd minnkom ma ngħabbu" (1 Tess 2:9). Din il-verità tal-Parusija għandha għalhekk timliehom bil-kuraġġ u t-tama ħalli jibqgħu fil-Mulej u jħobbu lil xulxin: "Jalla l-Mulej iwassal lil qlubkom għall-imħabba ta' Alla u s-sabar ta' Kristu" (2 Tess 3:5). Hija din it-tip ta' mħabba vera (bil-Grieg: agape) li tipprepara lin-Nisrani għat-tieni miġja ta' Kristu. (ara 1 Tess 3:2-13)

Marbut ma' din it-tema eskatoloġika, San Pawl jitkellem ukoll mir-'rivelazzjoni' ta' Kristu (bil-Grieg: apokalypsis), kif naraw f'1 Kor 1:7 u 2 Tess 1:7. Fl-ittri pastorali

mbagħad San Pawl iktar jitkellem mid-'dehra' ta' Kristu (bil-Grieg: epiphaneia), (ara 1 Tim 6:1 u Titu 2:13).

### 3.2.3. L-Ewkaristija li tgħinna 'niggustaw' minn qabel

San Pawl jgħid li l-ikla ewkaristika għandha t-tifkira tal-ġrajja tal-fidwa li għaddiet u t-tħabbira tal-miġja tiegħu fil-ġejjieni: "Mela kull meta tieklu dan il-ħobż u tixorbu dan il-kalċi, intom ixxandru l-mewt tal-Mulej sa ma jiġi" (1 Kor 11:26). Żgur li dan l-element eskatoloġiku fil-qsim tal-ħobż (fl-agape) kien qawwi ħafna fil-bidu tal-Knisja meta l-istennija tat-tieni miġja ta' Sidna Ġesù Kristu kienet qawwija ħafna. L-Ewkaristija hija għalhekk antiċipazzjoni u tħabbar din it-tieni miġja ta' Kristu. L-Ewkaristija għalhekk tgħaqqad il-ġrajja tal-fidwa mal-ġejjieni, ma' dak li ġej, bla ma ninsew ukoll li l-Ewkaristija hija tassew il-preżenza ħajja ta' Kristu fostna li tippreparana tassew għal din il-laqgħa eskatoloġika ma' Ġesù fit-tieni miġja tiegħu. Dan kollu huwa mfisser fil-liturġija tal-Quddiesa fl-embolizmu ta' wara t-talba tal-Missierna: "…aħna u nistennew u nittamaw il-hena u l-miġja tas-Salvatur tagħna Ġesù Kristu".

## Konklużjoni

It-tagħlim ta' San Pawl marbut mal-Avvent għandu jkompli jsaħħaħna fit-talba tal-ewwel Insara, li għandha tkun it-talba tagħna lkoll, fiż-żmien tal-Avvent: 'Ejja, Mulej' Ġesù' (bl-Aramajk: *marana' ta'*, fil-forma Griega: *maranatha*). (ara 1 Kor 16:22) Din kienet l-istennija eskatoloġika tal-ewwel Insara. Irridu mela aħna wkoll nissaħħu fil-fidi, inħobbu lil xulxin ħalli b'hekk nittamaw fis-salvazzjoni: "Għax Alla ma għażilniex għall-għadab, imma għar-rebħa tas-salvazzjoni permezz ta' Sidna Ġesù Kristu li miet għalina biex, imqajmin jew reqdin, ngħixu flimkien miegħu" (1 Tess 5:9-10).

## Biblijografija


ALETTI, J.-N., "L'apôtre Paul et la parousie de Jésus Christ. L'eschatologie paulinienne et ses enjeux", *RSR* 84 (1996) 15-41.

GHIDELLI, C., *Un Anno con San Paolo*, Lettera dell'Arcivescovo di Lanciano – Ortona per l'anno dedicato a San Paolo, Torino 2008.

HAWTHORNE, G.F. – MARTIN, R.P. – REID, D.G. (eds.), *Dizionario di Paolo e delle sue Lettere*, Torino 2000.

NITROLA, A., *L'eucaristia forza dell'unità. La dimensione escatologica dell'Eucaristia nel diaologo tra cattolici e protestanti*, Casale Monferrato, 1992.

RAHNER, K., "La presenza di Cristo nel sacramento della Cena del Signore", *Saggi sui sacramenti e sull'escatologia*, Roma 1986, 173-217.

WRIGHT, N.T., "Justification and Eschatology in Paul and Qumran", in A. SANG-WON (ed.), *History and Exegesis: New Testament Essays in Honour of Dr. E. Earle Ellis for His 80th Birthday*, London 2006, 104-132.

# 4. IL-QARI TAL-ĦDUD TAL-AVVENT – SENA B

| | L-Ewwel Qari | It-Tieni Qari | Il-Vanġelu |
|---|---|---|---|
| 1 | Mhux li kont iċċarrat is-smewwiet u tinżel!<br><br>Is 63,16-17.19; 64,1-8 | L-Istennija tal-wirja ta' Ġesù Kristu<br><br>1Kor 1,3-9 | Mela ishru, għax ma tafux meta jerġa' jiġi sid id-dar…<br><br>Mk 13,33-37 |
| 2 | Ħejju t-triq għall-Mulej<br><br>Is 40,1-5.9-11 | Nistennew smewwiet u art ġodda<br><br>2Pt 3,8-14 | Ħejju t-triq tal-Mulej, iddrittaw il-mogħdijiet tiegħu…<br><br>Mk 1,1-8 |
| 3 | Qalbi tifraħ fil-Mulej<br><br>Is 61,12.10-11 | Nistennew il-miġja tal-Mulej<br><br>1Tess 5,16-24 | F'nofskom hemm wieħed li intom ma tafuhx<br><br>Ġw 1,6-8.19-28 |
| 4 | Is-saltna ta' David tibqa' sħiħa għal dejjem quddiem il-Mulej<br><br>2Sam 7,1-5.8-12.14.16 | Il-misteru moħbi matul iż-żminijiet issa hu rivelat<br><br>Rum 16,25-27 | Ara, inti se tnissel fi ħdanek u jkollok iben u ssemmih Ġesù<br><br>Lq 1,26-38 |

# 5. Lectio Divina tal-Vanġelu tal-Ħdud tal-Avvent – Sena B

## 5.1. L-Ewwel Ħadd tal-Avvent

### *"Li ma jmurx jiġi għal għarrieda…"* (Mk 13,36)

Dan huwa l-aħħar diskors li jagħmel Ġesù qabel il-passjoni u l-mewt tiegħu fil-vanġelu ta' San Mark. Għalhekk huwa **sintesi ta' dak kollu li jitlob Ġesù** mid-dixxiplu tiegħu, u **sintesi tar-riflessjoni** li għamlet il-komunità ta' Marku: "*Ishru!*"

***"Kunu għajnejkom miftuħa, ishru, għax ma tafux meta se jasal il-waqt"* (Mk 13,33):**
"Oqogħdu attenti, ibqgħu mqajma, kunu fuq ix-xwiek, oqogħdu għassa". Ħalli jkollkom ftit tat-tensjoni, ansjetà. Din it-tensjoni hija neċessarja għax **ma nafux meta ser jasal il-waqt**, iżda mhux biss… din it-tensjoni hija neċessarja għax **il-waqt ser jasal żgur**. Mela mhix tensjoni li tiġi prinċipalment mill-biża' u minn nuqqas ta' għarfien iżda tensjoni li tiġi mill-għarfien tal-verità.

***"Jiġri bħal meta bniedem ikun siefer u telaq mid-dar, iħalli kollox f'idejn il-qaddejja tiegħu, kull wieħed fuq xogħlu, u lil tal-bieb jordnalu biex jibqa' jishar"* (Mk 13,34):**
Traduzzjoni litterali tgħid: *"ħalla d-dar tiegħu u ta s-setgħa tiegħu lill-qaddejja, lil kull wieħed skont ix-xogħol tiegħu"*. *"Għax dan bħal wieħed li kien se jsiefer, u sejjaħ lill-qaddejja tiegħu u ħallielhom ġidu f'idejhom. Lil wieħed tah ħames talenti, lil ieħor tnejn, u lil ieħor wieħed, kull wieħed minnhom skont il-ħila tiegħu"* (Mt 25,14-15). Jekk is-setgħa u l-ġid huma tas-sid, aħna **responsabbli l-ewwel u qabel kollox quddiemu**, mhux quddiem il-prodott, l-effiċjenza jew il-fama. **Attenti għar-ritorn ta' Ġesù**, għal **dak li jidħol fil-qalb u għal dak li joħroġ minnha**, bħal min hu għassa mal-bieb. Attenzjoni li hija l-ewwel u qabel kollox xewqa u **talba** – *Maranathà*.

***"Mela ishru, għax ma tafux meta jiġi Sid id-dar, jekk hux filgħaxija, jew f'nofsillejl, jew xħin jidden is-serduk, jew inkella mas-sebħ..."* (Mk 13,35):**
L-erba' ħinijiet **meta jinbidlu l-għassiesa**. Filgħaxija – *"Għall-ħin ta' filgħaxija Ġesù ġie mat-Tnax. U kif kienu fuq il-mejda jieklu qal: Tassew ngħidilkom, li wieħed minnkom se jittradini, wieħed li qiegħed jiekol miegħi"* (Mk 14,18). F'nofsillejl – il-ħin li fih Ġesù ġie ġġudikat (Mk 14,53-64). X'ħin jidden is-serduk – *"Minnufih is-serduk idden għat-tieni darba. Pietru ftakar fil-kelma li kien qallu Ġesù: qabel ma s-serduk jidden darbtejn, inti tiċħadni tliet darbiet. U nfexx jibki."* (Mk 14,72). Jew inkella mas-sebħ – *"Filgħodu kmieni l-qassisin il-kbar iltaqgħu malajr max-xjuħ u mal-kittieba u mas-Sinedriju kollu biex jiftiehmu bejniethom. Ibagħad rabtu lil Ġesù, ħaduh u tawh f'idejn Pilatu"* (Mk 15,1).

Il-ħin ta' filgħaxija huwa mqabbel mal-għejja, il-ħin ta' nofsillejl mad-disperazzjoni, il-kant tas-serduk mat-tama, il-ħin tas-sebħ mal-attività tal-ħajja.

***X'jista' jtellef milli wieħed jishar:***
**in-nuqqas ta' fiduċja** u entużjażmu, il-*guilt feelings* (*"Bżajt, u mort ħbejt it-talent tiegħek fl-art. Hawn, ara, għandek dak li hu tiegħek"* - Mt 25,25); **il-preokkupazzjoni**

u l-inkwiet (*"Ġie ħdejhom u sabhom reqdin, u qal lil Pietru: Xmun, rieqed? Ma flaħtx tishar siegħa waħda! Ishru u itolbu biex ma tidħlux fit-tigrib. L-ispirtu, iva, irid; imma l-ġisem dgħajjef"* - Mk 14,38); **il-kilba għall-poter u għall-ġid** (*"Ara l-werriet! Ejjew noqtluh, biex il-wirt tiegħu niħduh aħna"* - Mt 21,33-46); **it-tħassib u t-taħbit żejjed** għall-ħwejjeġ tad-dinja (*"u tħallux li l-ħafna tħassib għall-ħtiġiet tal-ħajja jeħdilkom raskom, li ma ssibuhx dak il-Jum fuqkom għal għarrieda"* - Lq 22,34).

***"Li ma jmurx jiġi għal għarrieda u jsibkom reqdin" (Mk 13,36):***
*"Żommu **ġenbejkom imħażżma** u l-**imsiebaħ tagħkom mixgħula**; kunu bħal **nies jistennew lil sidhom lura mill-festa tat-tieġ**, biex malli jiġi u jħabbat jiftħulu minnufih. Henjin dawk il-qaddejja li meta jiġi sidhom isibhom jishru! Tassew ngħidilkom, li hu jitħażżem, iqegħedhom madwar il-mejda, u jgħaddi quddiemhom iservihom. U kieku kellu jiġi fil-ħin tat-tieni sahra, jew tat-tielet, u jsibhom xorta waħda fuq dmirhom, henjin huma! Kunu afu dan, li kieku sid id-dar kellu jkun **jaf xħin ikun ġej il-ħalliel** ma kienx se jħalli min jinfidlu l-ħajt ta' daru. Mela kunu lesti intom ukoll, għax qatt ma tistgħu tobsru s-siegħa li fiha jiġi Bin il-bniedem."* (Lq 12,35-40).

**"*U dak li qiegħed ngħid lilkom, qiegħed ngħidu għal kulħadd*" (Mk 13,37):**
Kulħadd irid jagħżel - tkun imqajjem flok li torqod, taħdem flok li titgħażżen, tiddeċiedi flok li titkaxkar, taħseb kmieni flok li tħalli għall-aħħar, tipprogramma flok li taġixxi bl-aptiti, tieħu ħajtek f'idejk flok li tkun skjav ta' ħaddieħor, tkun moħħok hemm flok li tkun aljenat, tittama flok li taqta' qalbek, tistinka flok li tittraskura.

**"*Ishru!*" (13,37):**
**Tensjoni u mhux depressjoni**. Id-depressjoni hija frott ċirku vizzjuż – il-bżonn li nkun maħbub u aċċettat, l-illużjoni li biex inkun maħbub u aċċettat bilfors irrid naġixxi b'mod perfett, ma jistax ikun li naġixxi b'mod perfett, inħossni fil-ħtija għax m'iniex perfett, inħoss li m'iniex denn li nkun maħbub... Rabja kontra tiegħi nnifsi li tqajjem aktar fija l-bżonn li nkun maħbub. It-tensjoni – nagħraf il-verità tal-Vanġelu, ninduna bis-sbuħija tiegħu, nagħraf id-dgħufija tiegħi, nagħmel kulma nista' biex minkejja d-dgħufija tiegħi inħalli lili nnifsi niġi attirat mill-valuri tal-vanġelu.

***Għar-riflessjoni:***

Dio è vicino a coloro che hanno fame, che provano dolore, che conoscono lo struggimento, che non si adattano, che non sono appagati da ciò che esiste, che hanno il coraggio di attendere qualcosa che non è mai esistito prima, che gridano forte per la disperazione, per conoscere una speranza al di là di questo *status quo*, e che anelano a un altro mondo perché già lo portano nel loro cuore, perché ne hanno bisogno per poter essere umani, perché ne necessitano per poter vivere. Evidentemente è questo che Gesù voleva con le sue ultime parole prima della passione: la trepidazione, l'inquietudine, la sensibilità, l'emotività, la tensione di attendere qualcosa di nuovo, il coraggio di considerare esaurito il vecchio, il rifiuto dei compromessi per liberarsi di ciò che è ormai passato come di un abito logoro, e l'audacia di guardare avanti, attraverso le tenebre, e di credere più alle stelle che alla notte.

Eugen Drewermann, *Il Cielo Aperto*, Queriniana, Brescia 1997, 37

## 5.2. It-Tieni Ħadd tal-Avvent

### *"Bidu tal-Evanġelju ta' Ġesù Kristu l-Iben ta' Alla"* (Mk 1,1)

L-unità letterarja ta' Mark 1,1-13, li minnha din is-silta (v.1-8) tifforma parti, hi introduzzjoni qasira għax-xandir tal-Aħbar it-Tajba ta' Alla. Fis-silta naraw tliet ħwejjeġ prinċipali:

i) l-Aħbar it-Tajba ta' Alla, li sseħħ fi Kristu, hi ppreparata permezz tal-ġrajjiet tal-Battista (Mk 1,2-8);
ii) l-Aħbar it-Tajba tiġi mxandra fl-okkażjoni tal-magħmudija ta' Ġesù (Mk 1,9-11);
iii) l-Aħbar it-Tajba tgħaddi mill-"prova", fi żmien it-tiġrib ta' Ġesù fid-deżert (Mk 1,12-13).

Fis-snin 70 wK, meta Marku kien qed jikteb il-Vanġelu tiegħu, il-komunitajiet Insara kienu għaddejjin minn żmien diffiċli. Kienu qed isofru persekuzzjoni mill-Imperu Ruman. Fi ħdanhom stess kien hemm tensjonijiet u dubji. Xi wħud kienu jżommu li l-Battista kien daqs Ġesù (Atti 18,24-26): *"Wieħed Lhudi minn Lixandra, jismu Apollu, wasal Efesu. Kien raġel jinqala' biex jitkellem, u għaref fl-Iskrittura. Kien mgħallem fit-Triq tal-Mulej, u kien jitkellem b'ħeġġa kbira u jgħallem fuq Ġesù, għad li **kien jaf biss bil-magħmudija ta' Ġwanni**. Dan beda jitkellem bi qlubija kbira fis-sinagoga. Prixxilla u Akwila semgħuh; ħaduh magħhom u fissrulu t-Triq ta' Alla iktar bir-reqqa."* (ara wkoll Atti 19,3). Oħrajn kienu qed ifittxu b'liema mod se jevanġelizzaw, jiġifieri x'kellhom jagħmlu u jgħidu biex iwasslu l-Aħbar it-Tajba ta' Ġesù. F'dawn il-ftit versi, Mark jibda jwieġeb għal dawn il-ħafna mistoqsijiet biex jgħidilhom kif bdiet l-Aħbar it-Tajba ta' Alla mxandra minn Ġesù, u x'kien il-post tal-Battista fil-pjan ta' Alla.

***"Il-Bidu tal-Evanġelju ta' Ġesù Kristu l-Iben ta' Alla"* (v.1):**
Fl-ewwel sentenza tal-Vanġelu tiegħu, San Mark jgħid: *Il-bidu tal-Evanġelju (tal-Aħbar it-Tajba) ta' Ġesù Kristu, l-Iben ta' Alla!* Fi tmiem il-Vanġelu, meta Ġesù qiegħed imut fuq is-salib, suldat jistqarr: *"Dan il-bniedem kien tassew Bin Alla!"* (15,39). Fil-bidu u lejn it-tmiem tal-Vanġelu niltaqgħu ma' dan it-titlu: **l-Iben ta' Alla**. Bejn il-bidu u t-tmiem tal-Vanġelu, San Mark jispjega kif din il-verità ċentrali tal-fidi tagħna, li Ġesù hu l-Iben ta' Alla, għandha tiġi mifhuma u mxandra.

***"Bħalma hu miktub fil-ktieb ta' Isaija l-profeta, 'Ara, jien nibgħat qablek il-ħabbar tiegħi biex iħejji triqtek. Leħen ta' wieħed jgħajjat fid-deżert: Ħejju t-triq tal-Mulej, iddrittaw il-mogħdijiet tiegħu'"*** (v.2-3):
Biex juri l-bidu tal-Aħbar it-Tajba, Mark jikkwota lill-profeti Malakija u Isaija. Fis-siltiet ta' dawn il-profeti aħna nilmħu t-tama li kienet tgħammar fil-qlub tal-bnedmin fi żmien Ġesù. In-nies kienet tittama li l-messaġġier, imħabbar minn Malakija, jasal biex iħejji t-triq għall-Mulej (Mal 3,1), bħalma kien ħabbar il-profeta Isaija: *"Ħejju t-triq għall-Mulej fid-deżert, wittu għal Alla tagħna mogħdija fix-xagħri."* (Is 40,3) Għal Mark, iż-żerriegħa tal-Aħbar it-Tajba hi t-tama mnissla fil-poplu permezz tal-wegħdiet magħmula minn Alla fiż-żmien l-imgħoddi permezz tal-profeti. Sal-lum, it-tama li hemm fil-bniedem hi bħal sunnara li magħha taqbad l-Aħbar it-Tajba ta' Alla. Sabiex wieħed jibda jxandar b'mod tajjeb l-Aħbar it-Tajba, jeħtieġ li jiskopri t-tama li tgħammar fi qlub il-bnedmin. Jgħid il-Latin: *Spes, ultima dea*: meta l-bniedem jitlef it-

tama jitlef kollox, imma sakemm hemm it-tama, hemm il-possibiltà ta' aħbar tajba ta' salvazzjoni:*"Meta ma kellu ebda tama, Abraham ittama u emmen"* (Rum 4,18).

***"hekk Ġwanni deher jgħammed fid-deżert u jxandar magħmudija ta' ndiema għall-maħfra tad-dnubiet. U kienet tmur għandu l-Lhudija kollha u n-nies kollha ta' Ġerusalemm, jitgħammdu minnu fix-xmara Ġordan waqt li jistqarru dnubiethom."*** **(v.4-5):**
Il-moviment popolari li qajjem il-Battista saħħaħ it-tama ta' "aħbar tajba" fil-poplu. Il-poplu bi ħġaru kien jersaq għand Ġwanni, għax fih lemaħ sinjal ta' realizzazzjoni tat-tama li kellu. San Mark uża l-istess metodu tagħna llum: inqeda bil-Bibbja, jiġifieri bl-istess kelma ta' Alla biex idawwal il-ħajja tal-bniedem. Bl-użu tal-profeziji antiki, Mark wera li fil-Battista t-tama li kienet preżenti fil-poplu kienet qed tiltaqa' ma' tweġiba, kienet qed tiġi realizzata. Iż-żerriegħa tal-Aħbar it-Tajba kienet bdiet ixxettel u tikber.

***"Ġwanni kien jilbes libsa tax-xagħar tal-ġemel, bi ħżiem tal-ġild madwar qaddu, u kien jiekol ġradijiet u għasel selvaġġ. U kien ixandar u jgħid: 'Ġej warajja min hu aqwa minni, li jien ma jistħoqqlix nitbaxxa quddiemu u nħoll il-qfieli tal-qorq tiegħu. Jiena għammidtkom bl-ilma, iżda huwa jgħammidkom bl-Ispirtu s-Santu.'"*** **(v.6-8)**
Il-profeta Malakija jgħid dwar Elija: *"Ara, jiena nibagħtilkom 'il Elija l-profeta qabel ma jasal Jum il-Mulej u Jum il-biża'. U jdawwar qalb il-missirijiet lejn uliedhom u qalb l-ulied lejn missirijiethom"* (Mal 3,23-24). Fi kliem ieħor, il-poplu kien jittama li Elija se jerġa' jiġi u jibni mill-ġdid il-ħajja tal-komunità. Elija kien magħruf bħala *"raġel liebes mantar tax-xagħar u mħażżem bi ħżiem tal-ġild ma' qaddu"* (2 Slat 1,8). Għall-Battista Mark jgħid li kien jilbes *"ix-xagħar tal-ġemel, bi ħżiem tal-ġild madwar qaddu"* (v.6). Mark kien qiegħed juri li l-Battista kien mibgħut biex iwettaq il-missjoni tal-Profeta Elija: *"... Imma ngħidilkom: Elija ġa ġie..."* (Mk 9,11-13). Fis-snin 70 wK, meta Marku kien qed jikteb il-Vanġelu, ħafna nies kienu jaħsbu li l-Battista kien il-Messija (ara Atti 19,1-5): *"Meta Apollu kien Korintu, Pawlu għadda mill-inħawi ta' fuq u wasal Efesu, fejn sab xi dixxipli u staqsiehom: 'Ħadtu intom l-Ispirtu s-Santu meta emmintu?' Iżda huma weġbuh: 'Le, anqas biss smajna li hemm l-Ispirtu s-Santu?' 'Mela x'magħmudija ħadtu?' staqsiehom Pawlu. 'Il-magħmudija ta' Ġwanni', weġbuh huma. Mbagħad Pawlu qalilhom: 'Ġwanni għammed bil-magħmudija tal-indiema; imma lin-nies kien jgħidilhom biex jemmnu f'dak li kellu jiġi warajh, jiġifieri, f'Ġesù.' Xħin semgħu dan, tgħammdu f'isem il-Mulej Ġesù."* Biex jgħinhom jagħmlu dixxerniment, Mark jirraporta l-istess kliem ta' Ġwanni l-Battista: *"Ġej warajja min hu aqwa minni, li jien ma jistħoqqlix nitbaxxa quddiemu u nħoll il-qfieli tal-qorq tiegħu. Jiena għammidtkom bl-ilma, iżda huwa jgħammidkom bl-Ispirtu s-Santu."* (v.7-8) Mark jgħid li l-Battista juri t-triq lejn Ġesù. Hu jgħid lill-komunità tal-Insara li l-Battista ma kienx il-Messija, imma l-prekursur tiegħu.

(Sors: http://s2ew.ocarm.org/pls/ocarm/consultazione.mostra_pagina?id_pagina=553)

## 5.3. It-Tielet Ħadd tal-Avvent

### *"Jiena leħen..." (Ġw 1,23)*

***"Kien hemm raġel mibgħut minn Alla, jismu Ġwanni. Dan ġie bħala xhud biex jixhed għad-dawl, biex bih kulħadd jemmen. Ġwanni ma kienx id-dawl, imma ġie biex jixhed għad-dawl."* (Ġw 1,6-8):**

- ❖ L-isem Ġwanni jfisser don, grazzja, imħabba ta' Alla. Kull min hu mibgħut hu Ġwanni. "*Kemm huma sbieħ fuq il-muntanji r-riġlejn ta' min iħabbar il-bxara, ta' min ixandar is-sliem, ta' min iħabbar ir-risq, ta' min ixandar is-salvazzjoni*" (Is 52,7).
- ❖ Mibgħut biex jixhed għad-dawl. "*Dak li kien mill-bidu, dak li aħna smajna, li rajna b'għajnejna, li lejh ħarisna u li messew idejna, jiġifieri l-Verb, il-Kelma tal-ħajja, dan sejrin inxandrulkom… Qegħdin inxandrulkom dak li aħna rajna u smajna, biex intom tissieħbu magħna, u l-għaqda tagħna tkun mal-Missier u ma' Ibnu Ġesù Kristu. U qegħdin nikbtu dan biex il-ferħ tagħkom ikun sħiħ.*" (1Ġw1,1.3-4).
- ❖ Min hu mibgħut mhux id-dawl. "*Intom stess tistgħu tixhdu li jiena għedtilkom li jien m'iniex il-Messija, imma biss li jien kont mibgħut qablu. Dak li għandu l-għarusa huwa l-għarus; imma l-ħabib tal-għarus, li jkun ħdejh u jisimgħu, jifraħ ħafna meta jisma' leħen l-għarus. U dan hu l-ferħ li bih qalbi mtliet. Jenħtieġ li jikber hu u niċkien jien*" (Ġw 3,28-30).

***"Ix-xhieda ta' Ġwanni kienet din, meta l-Lhud ta' Ġerusalemm bagħtu għandu xi qassisin u Leviti biex jistaqsuh: Int min int? Hu stqarr bla ma ċaħad: Jien m'iniex il-Messija. Huma reġgħu staqsewh: Mela min int? Elija? M'iniex, qalilhom; Int il-Profeta?, Le, weġibhom."* (Ġw 1,19-21):**

- ❖ Ġwanni ħaseb li ma kienx aktar il-każ li jistenna l-Messija billi jmur fit-tempju Sibt wara Sibt, jaqra l-iskrittura, joffri s-sagrifiċċji u jiċċelebra l-festi skont kif titlob il-liġi ta' Mosè. Iddeċieda li jibda mill-ġdid jistenna lill-Messija ġej; mhux aktar skont l-iskemi u d-drawwiet tal-poplu Lhudi. Kien qed iħoss li ċ-ċelebrazzjonijiet u d-drawwiet ġew imħawħa mill-Ispirtu. Għalhekk għamel l-għażla tad-deżert. Minħabba li ħareħ mill-iskemi tan-normalità, l-uffiċċjali tat-tempju riedu jinvestigaw biex ikunu jafu min hu.
- ❖ Ġwanni jistqarr li mhux il-Messija: "*kull wieħed minnkom qiegħed jgħid, Jiena ta' Pawlu, U jiena ta' Apollo, U jiena ta' Kefa, U jiena ta' Kristu. Jaqaw Kristu mifrud? Forsi Pawlu kien li ssallab għalikom jew f'isem Pawlu tgħammidtu?… U min hu Apollo? Min hu Pawlu? Huma l-ministri li permezz tagħhom intom emmintu u kull wieħed minnhom skont ma tah il-Mulej. Jiena ħawwilt, Apollo saqqa, imma Alla, li kabbar. Xorta waħda huma dak li ħawwel u dak li saqqa... Aħna ħaddiema ma' Alla; u intom l-għalqa ta' Alla, intom il-bini ta' Alla*" (1Kor 1,12-13;5-9).
- ❖ Ġwanni mhux Elija: Elija kien dak li għamel gwerra lill-allat foloz, lis-sagrifiċċji Molok, lill-idea ta' Alla kiefer. Elija, nar dejjem jaqbad, qawwa super-umana. Saħansitra għadu preżenti fid-dinja – il-kumpless tal-immortalità.
- ❖ Ġwanni mhux il-profeta: Il-profeta kien dak li permezz tiegħu Alla jkellem lill-poplu tiegħu. Normalment kien ikollu personalità qawwija u kien ixandar ix-xewqa ta' Alla mhux biss bi kliemu iżda wkoll b'ħajtu. Ħafna drabi kien jidħol f'kunflitt mas-saċerdozju istituzzjonali.

“*Imbagħad qalulu: Mela min int? Biex nagħtu tweġiba lil dawk li bagħtuna. Min tgħid li int? U hu wieġeb kif qal il-profeta Isaija: Jiena leħen ta' wieħed jgħajjat fid-deżert: Wittu t-triq tal-Mulej.*” (Ġw 1,22-23):

- Ir-relazzjoni tagħna mal-oħrajn tpoġġilna kontinwament din id-domanda, u titlob minna risposta – Jien min jien?
- L-idea li Ġwanni kellu tiegħu nnifsu kienet: *leħen ta' wieħed jgħajjat fid-deżert: Wittu t-triq tal-Mulej.*” (Ġw 1,23). Jagħti leħen lill-kelma – lill-messaġġ li mhux tiegħu. Id-deżert huwa l-art tal-mewt, l-art fejn ma jmur ħadd, l-art fejn m'hemmx triq, l-art tas-solitudni, l-art tal-qtigħ-il-qalb, l-art tad-dnub.
- Ġwanni mhux il-Kelma iżda l-leħen (Ġw 1,23), mhux id-dawl iżda x-xhud tad-Dawl (Ġw 1,8), mhux l-għarus iżda l-ħabib tal-għarus (Ġw 3,29), jgħammed bl-ilma u mhux bl-Ispirtu s-Santu u n-nar (Lq 3,16).

***“Issa dawk il-messaġġiera kienu min-naħa tal-Fariżej. Huma staqsewh: Mela kif qiegħed tgħammed la m'intix il-Messija, u la Elija u lanqas profeta?”* (Ġw 1,24-25):**
Il-Fariżej jikkontrollaw li kollox isir skont il-liġi. Sikwit l-Ispirtu s-Santu u l-profezija iqanqlu l-istruttura amministrattiva. “*X'tiswieli l-kotra tas-sagrifiċċji tagħkom?, jgħid il-Mulej. Xbajt mis-sagrifiċċji tal-ħruq tal-bdabad, u mix-xaħam tal-bhejjem smien… tgħallmu għamlu t-tajjeb… sewwu l-inġustizzji, iddefendu l-iltim, aqbżu għall-armla…*” (Is 1,11.17).

“*Jiena ngħammed bl-ilma, weġibhom Ġwanni, imma f'nofskom hemm wieħed li intom ma tafuhx, u li ġej warajja; jiena anqas ma jistħoqqli nħoll il-qafla tal-qorq tiegħu.*” (Ġw 1,26-27): Ġwanni ma jafux lil Ġesù imma jħoss li huwa xi ħadd kbir u li lanqas jistħoqqlu jkun l-ilsir tiegħu.

***Għar-riflessjoni:***

Rendere testimonianza della luce significa supplicare gli uomini affinché in mezzo al freddo credano nel calore, e nell'irriġidimento del cuore si abbandonino ai minimi sentimenti di sogno e speranza, di amore e di passione. Significa scongiurare gli uomini affinché, anche quando il sole si nasconde, ripongano la loro speranza in ciò che è ancora invisibile. E tutto ciò in mezzo al deserto. Nell'epoca e nel mondo in cui viviamo persino il linguaggio di Dio non è più chiaro. Chi parla di Dio sembra descrivere con questo una qualche variabile sociale, qualcosa che va organizzato per difendere il potere o per fornire illusioni a chi potere non ha, il ricordo di violenze subite nella prima infanzia o il contenitore di determinati ideali comunitari. Quanta energia e vitalità sono sepolte dentro di noi e dovrebbero essere liberate come in un nuovo battesimo, come in una seconda nascita! Giovanni Battista può soltanto dire: Io non sono in grado, non posso creare la vita. Ma è già incredibilmente tanto sapere che una vita vera potrebbe esistere. Solo se ci crediamo ancore potremo ritrovarla tra noi. Non potrebbe darsi che duemila anni dopo Cristo dobbiamo imparare tutto da capo ancora una volta? Credo che Avvento significhi esattamente questo: tutto da capo, perché sia rinascita, nuovo inizio, redenzione.

Eugen Drewermann, *Il Cielo Aperto*, Queriniana, Brescia 1997, 132-133

## 5.4. Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent

### *"Se tnissel fil-ġuf u jkollok iben…"* (Lq 1,31)

***"Imbagħad fis-sitt xahar Alla bagħat l-anġlu Gabrijel f'belt tal-Galilija, jisimha Nażaret, għand xebba, mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi mid-dar ta' David. Dix-xebba kien jisimha Marija. L-anġlu daħal għandha u qalilha: Sliem għalik, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek"* (Lq 1,26-27):**

- Il-Kelma hija mwassla fi spazju preċiż, fi żmien preċiż u lil persuni determinati. "*Fi żmien Erodi, sultan tal-Lhudija, kien hemm qassis jismu Żakkarija, mit-taqsima ta' Abija; martu, li kien jisimha Eliżabetta, kienet minn ulied Aaron… kienu nies ġusti*… (Lq 1,5).
- παρθε,νον (Xebba): Wisa', vojt fil-qalb. "*Ulied ma kellhomx, għax Eliżabetta ma setax ikollha, u t-tnejn kienu mdaħħlin fiż-żmien… it-tnejn kienu nies ġusti quddiem Alla u jimxu bla nuqqas ta' xejn skont il-preċetti u l-kmandamenti tal-Mulej*" (Lq 1,6-7).
- Χαι/ρε( κεχαριτωμε,νη (Sliem għalik, Mimlija bil-grazzja): Ifraħ, int li jismek "Mimlija bil-grazzja"! Il-Kelma ta' Alla hija fiha nfisha dejjem aħbar tajba. "*Il-Bidu ta'* ευϖαγγελι,ου ςΙησου/ ριστου/ *l-Iben ta' Alla*" (Mk 1,1).
- Alla jwiegħed li ser ikun mal-persuna li jsejjaħ. "*Mela issa mur, u jien inkun ma' fommok u ngħallmek x'għandek tgħid. Imbagħad wieġeb Mosè: Jaħasra, Mulej, ibgħat nitolbok lil xi ħaddieħor! Il-Mulej xegħel bil-qilla kontra Mosè...*" (Ez 4,12-14). (LECTIO)

***"Hi tħawdet ħafna għal dan il-kliem, u bdiet taħseb bejnha u bejn ruħha x'setgħet qatt tfisser din it-tislima. Iżda l-anġlu qalilha: Tibżax, Marija, għax inti sibt grazzja quddiem Alla. Ara, inti se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir, u jkun jissejjaħ Bin l-Għoli. Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb, u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu"* (Lq 1,31-33):**

- Kuntrast bejn l-aħbar oġġettiva u l-istat emottiv ta' Marija, inċertezza. "*tħawdet*": l-istess għerq ta' "*tgħożż f'qalbha*" – "*U ommu kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeg kollha*" (Lq 2,51).
- Il-biża' hija sinjal tal-laqgħa tal-kelma ta' Alla mal-qalb tal-bniedem, l-għatba ta' qabel il-fiduċja – il-fidi. "*Tibżax; minn issa 'l quddiem tkun taqbad in-nies*" (Lq 5,10).
- Kull min jisma' l-Kelma, *sab grazzja quddiem Alla* u għandu l-opportunità li jinkarna lil Ġesù fil-ħajja ta' kuljum.
- Ġesù huwa ċ-ċentru tal-istorja – għalih ipprepara l-Antik Testment, tiegħu hu l-milja l-Ġdid Testment. (MEDITATIO)

***"Iżda Marija qalet lill-anġlu: Kif ikun dan, ladarba ma nagħrafx raġel?"* (Lq 1,34):** L-inċertezza quddiem it-tislima tinbidel f'inċertezza aktar profonda quddiem il-misteru. Il-loġika ta' Alla tidħol f'kuntrast mal-loġika tal-bniedem, anke fi ħwejjeġ tajba. Il-pjan ta' Alla eventwalment igerfex il-pjan ta' Marija. Marija tinfexx f'talba vera lil Alla, tesprimi bla biża' dak li qed tħoss u tistenna risposta.

***"L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa tal-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis, u jissejjaħ Bin Alla. Ara, il-qariba***

***tiegħek Eliżabetta, fi xjuħitha, hi wkoll nisslet iben fil-ġuf, u ġa għandha sitt xhur dik li għaliha kienu jgħidu li ma jistax ikollha tfal, għax għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir*" (Lq 1,35-37):**
Kelma u Sinjal (li l-Kelma ssir realtà). Πνευ/μα α[γιον: in-nifs, l-enerġija, l-ispirtu, il-qawwa (δυ,ναμιφ) ta' Alla jakkumpanja dejjem il-Kelma tiegħu. Is-sinjal mhux prova xjentifika jew razzjonali iżda *jindika*, *jirreferi*, fid-direzzjoni tal-misteru. (ORATIO)

**"*Imbagħad qalet Marija: Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skont kelmtek! U l-anġlu telaq minn ħdejha.*" (Lq 1,38):**
ςΙδου. η ¯δου,λη κυρι,ου.. Marija tuża il-kelma δου,λη minflok διακονοφ . "*Għixu bħala nies ħielsa, mhux li tinqdew bil-ħelsien tagħkom biex bħallikieku tgħattu l-ħażen, imma bħala qaddejja ta' Alla.*" (1Pt 2,16). Telqa attiva, att ta' fiduċja: "*hienja dik li emmnet li jseħħ kull ma bagħat jgħidilha l-Mulej*" (Lq 1,45). Disponibilità: "*U Ġesù kellmu u qallu: xi tridni nagħmillek?*" (Mk 10,51). "*Agħmlu kull ma jgħidilkom hu*" (Ġw 2,5). (CONTEMPLATIO)

**"*F'dawk il-ġranet Marija qamet u marret tħaffef lejn l-għoljiet…*" (Lq 1,39):**
Dak li semgħet, immeditat, talbet u kkontemplat, isir azzjoni. (ACTIO).

*Għar-riflessjoni:*

*"Sul capo di ognuno di noi riposano promesse divine. Ognuno di noi è destinato a portare in questo mondo qualcosa di incomparabile; egli deve esistere, altrimenti a Dio mancherebbe qualcosa. Spesso dubitiamo di molte delle cose che vivono in noi, le riteniamo difficilmente possibili, anzi, ci opponiamo ad esse con tutto il nostro pensiero, per dimostrare alla fine a noi stessi quanti siano gli elementi che le contraddicono. L'argomento migliore, il più bello, il più rassegnato e triste è quello della cugina Elisabetta, secondo ċui è ormai troppo tardi, siamo troppo vecchi, il tempo è passato, e non vi è nulla da sperare perché tutto è ormai letteralmente perduto.*

*Per il messaggio di Nażaret è così importante che Dio possa ridestare ciò in cui non abbiamo mai creduto, che la vita per tanti anni non vissuta abbia un'opportunità di essere restituita all'esistenza, che sia possibile risvegliare sogni della vita non considerati a fondo e mai ammessi, spesso coperti dalla polvere di decenni, e dare loro forma."*

Eugen Drewermann, *Il Cielo Aperto*, Queriniana, Brescia 1997, 163

# 6. GĦAJNUNA GĦALL-OMELIJA TAL-ĦDUD TAL-AVVENT

## 6.1. L-EWWEL ĦADD TAL-AVVENT

**I QARI – Is 63,16b-17.19b; 64,1-7**

Din is-silta tagħmel parti mit-III Isaija. Hija djalogu bejn persunaġġ anonimu (x'aktarx il-profeta) u Alla nnifsu, liema djalogu huwa mibni fuq l-għarfien doppju tad-dnub tal-poplu li kien infidil fil-konfront ta' Alla u tal-għemejjel li Alla bħala benefattur waħdieni tal-poplu wettaq u għadu jwettaq. Il-kuntest storiku huwa dak ta' wara l-eżilju tal-587 qK, meta l-poplu reġa' ġie mogħti l-ħelsien u reġa' lura lejn artu. Hemmhekk sab belt meqruda, it-tempju mġarraf u l-kampanja fi stat ta' qerda. "Għaliex rifsu l-ħżiena fis-santwarju tiegħek, u l-għedewwa tagħna middu riġlejhom fit-tempju tiegħek?" (Is 63,18) "Il-bliet imqaddsa tiegħek mitluqa, Sijon saret xagħra u Ġerusalemm ħerba. It-tempju qaddis u glorjuż tagħna, fejn missirijietna kienu jfaħħruk, maħruq bin-nar, u kull ma kellna għażiż sar ħerba." (Is 64, 9-10)

Hija din is-sitwazzjoni ta' miżerja li twassal għat-telfa ta' kull tama. Il-poplu, minkejja li jemmen li Alla hu missier, iħossu abbandunat u mitluq għal rasu. U għalhekk din il-lamentazzjoni tfittex li tagħti mill-ġdid ħajja lill-impenn tal-Mulej favur dawk li huma tiegħu permezz ta' mistoqsijiet u eżortazzjonijiet li bħal jidhru li huma akkużi lil Alla bħala responsabbli tal-ħażen preżenti. Fil-konfront t'Alla, jintuża l-verb li jindika li wieħed qiegħed jittratieni jew jipposponi l-ħniena tiegħu, bħallikieku jirid u jħossu fid-dmir li jagħmel xi ħaġa imma għal xi raġuni ma jagħmilhiex: "Fejn hi l-ħeġġa u l-qawwa tiegħek? Fejn hi l-ħerqa u l-ħniena ta' qalbek? Tonqosx (tittratenix/iżżommx lura) mill-ħniena tiegħek għalina." (Is 63,15b); "Quddiem dan kollu ma tiċċaqlaqx, Mulej, se tibqa' sieket u tgħakkisna sa l-aħħar?" (Is 64,11) Fi ftit kliem din it-talba teżorta lil Alla biex jintebaħ li għadu ma temmx l-opra tiegħu, u tħeġġu biex iwassalha fi tmiemha.

U biex il-profeta jikkonvinċi lil Alla, jinqeda bl-argument kommoventi tar-rabta tad-demm – inti missierna! Dan joħroġ aktar ċar meta l-profeta jgħid li seħħet tiċrita fit-tradizzjoni tant li "Abraham ma jafniex, Iżrael ma jagħrafniex". (Is 63,16a) Din il-paternità divina kienet sa issa l-fundament ta' dak kollu li Alla wettaq magħhom: "Jiġu bil-biki, imma nfarraġhom jiena u nġibhom lura. Imexxihom lejn l-ilma ġieri, minn mogħdijiet watja biex ma jitfixklux. Għax jien missier għal Iżrael u Efrajm hu ibni l-kbir." (Ġer 31,9)

"Missierna" huwa appellattiv rarissimu fl-AT kollu. Jidher ukoll f'Es 4,22-23: "U int tgħid lill-Fargħun: Dan jgħid il-Mulej: Iżrael hu ibni l-kbir, u jien ngħidlek: Ibgħat lil ibni biex iqimni; jekk int ma tridx tibagħtu, arani, jien sa noqtol 'l ibnek il-kbir." Maż-żmien Iżrael kien jerġa' juża dan it-titlu u jsejjaħ lil Alla b'din ir-rabta hekk intima, ċert li dan jikkommovi l-qalb ta' Alla. Dan jagħmlu waqt li jfakkru l-għemejjel li diġà wettaq għall-poplu; bħallikieku Iżrael qiegħed jgħid lil Alla: tiftakarx x'għamilna aħna, imma ftakar biss f'dak li int għamilt u għadek tagħmel!

Fl-istess waqt il-lamentazzjoni ssemmi d-dnub tal-poplu: "Tniġġiżna lkoll kemm aħna, bħal ċarruta maħmuġa l-aħjar għemejjel tagħna; bħal werqa lkoll dbilna u ħżunijietna

bħal riħ ġarrewna.” (Is 64,5) Is-silta bħal tixħet il-ħtija fuq Alla li ppermetta dan kollu u nesa l-obbligi tiegħu favur il-poplu: “Għax int ħbejt wiċċek minna, u rħejtna f’idejn ħżunijietna.” (Is 64,6b)

Is-silta hija marbuta sewwa bit-tema tal-memorja/tifkira tal-għemejjel t’Alla favur Iżrael. 4 darbiet titkellem mit-tifkira ta’ dawn il-ġrajjiet li seħħew – Is 63,7; 63,11; 64,4; 64,8. Dan kollu b’insistenza m’Alla biex jiftakar min hu u jżomm il-fedeltà tiegħu mal-poplu tiegħu.

Din is-silta tesprimi tensjoni bejn it-tifkira u t-tama, f’sitwazzjoni li tidher bla ebda tama. It-tifkira tal-għemejjel t’Alla jippermettu lill-poplu biex jerġgħu jimtlew bit-tama li Alla jerġa’ jidħol għalihom bħal darba. Il-profeta jinterċedi quddiem Alla f’isem il-komunità u jitlob lil Alla biex jagħmel xi ħaġa immedjatament.

F’dan l-Avvent it-tifkira tas-salvazzjoni mwettqa minn Kristu fl-ewwel miġja tiegħu tagħtina l-qawwa u l-ħila biex insibu l-pedament ta’ ħajjitna tagħna mibni fuq din il-ġrajja passata, imma miftuħ għall-ġejjieni b’tama dejjem ġdida u li ma tqarraqx – l-opra t’Alla fina u tagħna f’Alla!

**II QARI: 1 Kor 1,3-9**

Fl-indirizz ta’ din l-ittra, Pawlu jiddeskrivi l-Insara bħala dawk li jinsabu bejn żewġ żminijiet – iż-żmien meta l-Korintin diġà gawdew il-għana tad-doni t’Alla fi Kristu Ġesù u l-ġejjieni, jiġifieri “id-dehra ta’ Sidna Ġesù Kristu”. Hekk joħorġu żewġ atteġġjamenti – wieħed ta’ radd il-ħajr “għax stagħnejtu f’kollox, f’kull kelma u f’kull għerf” u l-ieħor ta’ tama li “tkunu bla ħtija fil-jum ta’ Sidna Ġesù Kristu”.

L-għarfien ta’ Kristu fil-fidi kien imsieħeb ma’ għadd kbir ta’ doni fl-Ispirtu. Iħeġġiġhom biex jorjentaw dawn id-doni għall-ġid komuni tal-knisja. Dawn ma ġewx mogħtija bħala żina jew ornament jew għall-ftaħir imma bħala impenn u responsabiltà biex tgħin lill-fidili biex jibqgħu sodi fix-xhieda għal Kristu, “intom u tistennew id-dehra ta’ Sidna Ġesù Kristu”.

Mimlijin b’dawn il-grazzji jistgħu b’fiduċja jimxu lejn din id-dehra meta ser jakkwistaw l-għaqda sħiħa u perfetta tagħhom miegħu. Pawlu jinsisti li aktar mill-għemejjel tagħhom u mis-sahra tagħhom, ser ikun Alla nnifsu li jwassalhom għal-laqgħa aħħarija ma’ Ibnu. In-Nisrani, minkejja li ħafna drabi jaqta’ qalbu mid-dgħufija tiegħu, għandu jserraħ rasu biss fuq il-fedeltà t’Alla, li jrid b’kull mezz iwassal għat-tmiem is-sejħa li jkun afdalu.

**VANĠELU: Mk 13,33-37**

Din is-silta tagħmel parti mit-tielet u l-aħħar diskors twil ta’ Ġesù fil-Vanġelu ta’ San Mark, li jkopri l-kapitlu 13 kollu. Ġesù jlissen dan id-diskors fuq il-għolja taż-żebbuġ bid-dehra tat-tempju ta’ Ġerusalemm quddiemu. Jindirizza dan id-diskors lill-ewwel erba’ appostli li huwa kien sejjaħ. Ġesù jitkellem fit-tul dwar il-ġejjieni u lejn it-tmiem jitkellem dwar l-atteġġjament li għandu jkollu d-dixxiplu quddiem il-miġja ta’ Bin il-Bniedem fil-glorja.

Il-kmand “ishru” nsibuh fil-bidu u fit-tmiem ta’ din is-silta hekk li jifforma bħal delimitazzjoni naturali għal din is-silta (v. 33 u v. 37). Il-vers 33 jagħtina r-raġuni għal

din is-sahra: "għax ma tafux meta jasal il-waqt". Ġesù ma jiżvelax il-jum u s-siegħa mhux biex iżomm lin-Nisrani fi stat ta' biża' u paniku imma biex jurih li kull siegħa hija opportuna biex iħalli l-Vanġelu jimpenjah u jsuqu. Ġesù jixtieq komunità li mhix ossessjonata mix-xewqa li tkun taf skadenzi imma mxennqa li tgħix u tagħraf ż-żminijiet u l-mumenti t'Alla u impenjata b'serjetà bis-smigħ u fl-ubbidjenza tal-fidi. Hija stennija kontinwa u intensa, imma mhux anzjuża jew ta' biża', imma mimlija kollha fiducja.

Ġesù, permezz tal-parabbola tal-bniedem li jitlaq fi vjaġġ, jgħaddi biex jitkellem mill-istil ta' din is-sahra. Faċli li nagħmlu lilna nfusna allat awtonimi mingħajr ebda dipendenza mill-Mulej. Kull wieħed huwa msejjaħ għar-responsabiltà fi tħaddim ta' kuljum tal-fedeltà m'Alla. L-istedina hija biex inkunu lesti biex nilqgħu lill-Mulej li ġej biex itemm l-opra tal-fidwa. Bħala qaddejja tal-Vanġelu, ħafna ġie afdat f'idejna biex inwassluh fil-milja. Għalhekk tishar ifisser li tkun dejjem lest li tagħti kont ta' għemilek fil-mod ta' kif qed tħaddem dak li ngħatalek, għax hija ħaġa żgura li l-Mulej ġej ifittex il-frott.

Toħroġ waħidha l-ħtieġa li nishru biex niskopru l-eternità f'kull mument li ġie mogħti lilna. Kull mument ta' ħajjitna nistgħu tabilħaqq nittraduċuh fil-laqgħa ta' fidwa mal-Mulej. Permezz tal-ħajja nisranija ġiet afdata missjoni li ma nistgħux inħalluha taqa' fil-fieragħ u fl-inutilità. Bdiet bl-ewwel miġja tal-Mulej u tiżviluppa bħala mixja lejn it-tieni miġja tiegħu u tintemm fil-laqgħa effettiva mal-Mulej.

## 6.2. IT-TIENI ĦADD tal-AVVENT

**I QARI – Is 30,19-30**

Din il-profezija timmarka t-tmiem tal-eżilju bl-editt tar-re tal-Persja Ċiru li jagħti l-ħelsien lill-eżiljati biex dawk li xtaqu setgħu jerġgħu lura lejn arthom. Huwa messaġġ ta' tama kbira indirizzat b'mod metaforiku lill-belt ta' Ġerusalemm, umiljata mill-qerda li kienet ġarrbet. Din il-belt hija mistiedna tilqa' mill-ġdid lill-Mulej: "Hawn hu Alla tagħkom! Hawn hu Sidi l-Mulej, li ġej bil-qawwa, u jaħkem bil-qawwa ta' driegħu." Din hija l-vera konsolazzjoni li tfejjaq il-ġrieħi miftuħa ta' din il-belt, għax ser takkwista mill-ġdid il-ħelsien u tgħaddi mill-kundizzjoni tal-eżilju għad-dinjità tal-ħelsien. Ix-xbieha tar-ragħaj hija ta' tenerezza kbira u tesprimi tajjeb din l-opra ta' fidwa li minnha kienet ser tgawdi l-belt ta' Ġerusalemm.

Bħala knisja aħna msejħin biex f'dan l-avvent inxandru l-vanġelu tal-faraġ u tal-konsolazzjoni: "Farrġu, farrġu l-poplu tiegħi." Ħafna huma l-eżiljati fi żminijietna, għax huma vittmi ta' jasar, frott tal-għażla tagħhom jew ta' oħrajn. Flimkien ma' Alla aħna msejħin biex naqsmu fil-passjoni tiegħu ta' mħabba dejjiema biex iseħħilna tabilħaqq inkellmu lill-qalb feruta u bla tama u nagħtuha mill-ġdid il-fejqan u t-tama.

Din hija t-triq li għaliha msejħin nikkontribwixxu. Storikament din kienet it-triq li terrqu l-eżiljati hekk kif qasmu d-deżert enormi li jifred lill-Babilonja mill-Palestina. Imma din l-eżortazzjoni profetika, imsieħba mill-użu tal-istess xbieha fil-predikazzjoni ta' Ġwanni, tpoġġilna quddiem għajnejna l-impenn li nagħmlu jiltaqgħu t-triqat tagħna mat-triqat t'Alla. Din hija l-għażla konkreta ta' konverżjoni li ssir viżibbli fil-ħajja tan-Nisrani, fl-istennija li ma taqta' qatt ta' Dak li ġej bil-glorja.

**II QARI: 2 Piet 3,8-14**

L-istedina ta' Pietru f'din is-silta hija: "Ħarsu 'l quddiem lejn jum il-Mulej, u agħmlu li jfittex jiġi." Din hija r-risposta tal-Appostlu lejn dubju kurrenti li kien hemm fil-knisja tal-bidu. Ħafna kienu qalbhom maqtugħa mit-tieni migja ta' Kristu u kienu qegħdin jitfixklu minħabba fiha, tant li kienu bdew jistaqsu: "Fejn hi l-wegħda tal-miġja tiegħu?" (2 Piet 3,4).

Ir-risposta tiġi mill-AT, bil-kwotazzjoni ta' Salm 90,4; "Elf sena huma għalik bħal jum tal-bieraħ li għadda, jew bħal sahra tal-lejl." L-istennija tal-miġja glorjuża ta' Kristu mhix mibnija fuq il-kwantità taż-żmien, meta ser isseħħ, imma fuq il-kwalità taż-żmien li kull wieħed huwa mogħti l-opportunità li jgħix. Għal Alla, iż-żmien tal-bniedem mhux tant il-kronoloġija twila jew qasira tas-snin li jseħħlu jgħix imma kemm iseħħlu jbiddel din il-*kronos* f'*kairos*, żmien ta' grazzja u laqgħa mal-Mulej permezz ta' konverżjoni kontinwa u serja. Għalhekk il-preokkupazzjoni waħdanija hija l-fedeltà tagħna lejn il-mod kif Alla jħares lejn l-istorja. Ħafna jiġġudikaw lil Alla bħala li jaġixxi bil-mod wisq imma hija ħaġa żgura li ser iwassal għat-temma l-wegħdiet kollha tiegħu. Aktar milli għal skop ta' biża', is-sinjali mħabbra fin-natura ("Jgħibu s-smewwiet bi ħsejjes kbar, l-elementi tad-dinja jinħallu bin-nar, u l-art b'kull ma fiha tinħaraq.") huma profezija li Alla jeqred dak kollu li huwa tal-mument u tad-dinja preżenti biex iġedded kollox mill-għeruq u jinbnew is-smewwiet ġodda u art ġdida li fihom tgħammar il-ġustizzja.

**VANĠELU: Mk 1,1-8**

Fl-ewwel Ħadd tal-Avvent il-Knisja ħabbritilna ċ-ċertezza li l-Mulej ġej u għalhekk stednitna għas-sahra. Imma l-laqgħa vera ma' Kristu hija frott ta' mixja reċiproka: il-Mulej ġej biex jiltaqa' magħna imma anke aħna meħtieġ li mmorru niltaqgħu miegħu, bl-impenn ta' konverżjoni serja min-naħa tagħna.

Il-kliem tal-profeta Isaija jsibu eku fil-kliem ta' Ġwanni l-Battista fis-silta tal-vanġelu: "Ħejju t-triq tal-Mulej, iddrittaw il-mogħdijiet tiegħu". Kienet din il-predikazzjoni li sseħħ fid-deżert, 'il bogħod miċ-ċentru tal-ħajja reliġjuża Lhudija, li tqanqal folol kbar biex joqorbu lejn Ġwanni u jirċievu mingħandu l-magħmudija, sinjal estern tad-dispożizzjoni u x-xewqa tagħhom li jindmu u jbiddlu triqathom. Ġwanni huwa xbieha denja ta' profeta-prekursur li minkejja li jaf sewwa x'inhi l-missjoni tiegħu, jibqa' f'postu u jħaddem dejjem l-umiltà, biex ma jiġbed l-ebda ħarsa fuqu aktar milli fuq dak li kellu jiġi warajh. F'dan id-dawl jeħtieġ li nifhmu dak li Ġwanni nnifsu jistqarr: "Ġej warajja min hu aqwa minni, li jien ma jistħoqqlix nitbaxxa quddiemu u nħoll il-qfieli tal-qorq tiegħu." Meta jidħol fix-xena Ġwanni tibda l-mixja tal-vanġelu għax huwa ma joħloq l-ebda xkiel biex tixxandar din il-Bxara t-Tajba li hija Ġesù nnifsu bħala l-Kristu u bħala l-Iben t'Alla nkarnat.

F'dan l-Avvent, jekk biss il-poplu joħroġ minn daru u jmur lejn id-deżert biex titħejja t-triq u l-mogħdija, li Alla jkun jista' jkellem lil qalbu u tinxtegħel mill-ġdid l-imħabba ta' bejniethom. Din hija l-magħmudija bl-Ispirtu s-Santu li Kristu biss jista' jgħammidna biha. Kif il-predikazzjoni profetika ta' Ġwanni kienet ta' konsolazzjoni u faraġ kbir għall-poplu ta' Iżrael wara 5 sekli ta' nuqqas ta' profeti, hekk ukoll dan l-Avvent bil-proposta tiegħu ta' konverżjoni jkun għalina okkażjoni biex negħlbu kull ostaklu jew tfixkil biex triqatna u t-triq t'Alla jiltaqgħu flimkien.

## 6.3. IT-TIELET ĦADD tal-AVVENT

**I QARI – Is 61,1-2a.10-11**

Il-miġja ta’ Kristu fiż-żmien ma tistax tiġi mifruda mill-miġja ta’ Kristu fil-glorja fl-aħħar taż-żminijiet. L-oraklu ta’ Isaija meħtieġ naqrawh f’din id-dimensjoni globali tal-istorja tas-salvazzjoni. Iż-żmien tal-grazzja diġà ġie inawgurat imma jilħaq il-quċċata tiegħu fit-tieni miġja ta’ Kristu meta “kollox u kulħadd” ikun fi Kristu. Dakinhar il-bniedem ikun tabilħaqq irritorna għall-istat ta’ integrità li ħalqu fih Alla meta ħalqu fuq ix-xbieha tiegħu nnifsu (Ġen 1,26-27).

Il-kuntest storiku tas-silta huwa dak tat-III Isaija, jiġifieri l-perjodu ta’ wara l-eżilju meta l-komunità ta’ Ġerusalemm kienet imġarrba u qiegħda tipprova tfittex li ssib mill-ġdid l-istruttura soċjali u reliġjuża tagħha wara s-snin fl-eżilju. Niftakru li dawk li ġew lura wara 70 sena fl-eżilju kienu wlied ta’ ġenerazzjoni ġdida li qatt ma għexet ġewwa Ġerusalemm. Min-naħa l-oħra, dawn sabu ġewwa Ġerusalemm komunità oħra ta’ Lhud imnissla minn dawk il-fqar li ma kinux ġew meħuda fl-eżilju. Nistgħu nifhmu li s-sitwazzjoni kienet kumplessa u mhux faċli, minkejja li konkretament l-eżilju kien spiċċa.

F’din il-profezija, il-profeta jitkellem fl-ewwel persuna, b’mod u manjiera li wieħed jaħseb li qiegħed jitkellem minn vokazzjoni personali. Imma dak li jgħid il-profeta għandu jitqies u jiġi interpretat b’mod globali għall-poplu kollu ta’ Iżrael. Imbagħad fl-aħħar stadju ta’ interpretazzjoni, it-tradizzjoni nisranija tat interpretazzjoni Kristoloġika ta’ din is-silta fid-dawl ta’ Kristu li japplikaha għalih innifsu fis-sinagoga ta’ Nażaret (Lq 4,18-19).

Dan il-persunaġġ anonimu jidher li huwa mgħammar bl-Ispirtu s-Santu. L-effett ta’ din il-preżenza huwa doppju: “ikkonsagrani” (v. 1) u “bagħatni” (v. 2). Il-konsagrazzjoni tirrigwardja lil dan il-persunaġġ li huwa kollu kemm hu t’Alla u għas-servizz tiegħu. Dan l-istess verb isir aktar ’il quddiem sinonimu mal-Messija, il-midluk *per eccellenza*, il-midluk tal-Mulej. Imma min huwa t’Alla, huwa wkoll tal-oħrajn, tant li l-profeta huwa mibgħut għand il-poplu b’missjoni li hija waħda preċiża u bid-dettalji.

“Bagħatni” ġġorr magħha 7 propożizzjonijiet finali, jiġifieri li jindikaw 7 skopijiet: il-profeta huwa mibgħut biex ineħħi kull dubju li Alla kien nesa lill-poplu tiegħu, u jxandar li Alla jieħu kura tiegħu b’imħabba li ma tintemm qatt. Fi ftit kliem iħabbar “is-sena tal-grazzja tal-Mulej”, jiġifieri l-ferħ li ġej minn Alla li jieħu ħsiebhom.

Fl-aħħar żewġ versi 10-11, għandna stqarrija ta’ ferħ imqiegħda fuq il-fomm daqs li kieku salm ta’ ringrazzjament. Dan il-poplu jifraħ għax jagħraf li huwa maħbub minn Alla b’imħabba prediletta tant li huwa magħdud b’għarustu u ser jitlibbes bil-ġustizzja, jiġifieri li Alla nnifsu jgħallimhom iwettqu r-rieda tiegħu. Il-ġustizzja hija mxebbha mal-art għammiela u mal-ġnien imnibbet, sinjal ta’ għarfien li ż-żminijiet ġodda għadhom fil-bidu u dan ifisser tama għall-futur. Dan jorbot sewwa mal-v. 3 li mhux inkluż fis-silta magħżula mil-liturġija: “Biex inferraħ lil dawk li jibku f’Sijon, nagħtihom kuruna flok irmied, żejt tal-ferħ flok l-ilbies tal-vistu, l-għana tal-foħrija flok ruħ mitluqa. Isejħulhom ballut tas-sewwa, imħawla mill-Mulej għal foħritu.”

F'din is-silta jinħass sewwa l-ferħ veru. Huwa ferħ għal Alla li għażel il-fqar bħala d-destinatarji tal-opra tal-Messija. Il-għaqda ma' Kristu mhix fatt intimistiku li jwassal biss għas-sodisfazzjon personali imma li jibqa' wieħed sterili. Alla huwa missier ta' kulħadd u jrid li kulħadd isalva, u għalhekk jestendi l-fidwa lil kulħadd anke lil dawk li sa issa kienu esklużi u mhux ikkunsidrati. Ġesù huwa l-mibgħut biex iwassal il-Bxara t-Tajba lill-foqra u jħabbar il-ħelsien lil dawk kollha li huma mjassra fit-tribulazzjoni u bil-bżonn.

Etimoloġikament il-kelma fqir fil-Lhudi tindika wieħed li huwa mgħaffeġ taħt xi piż, jiġifieri jinsab fi stat ta' sottomissjoni li tumiljah u tbaxxih. Il-Bxara t-Tajba mxandra lil dawn il-fqar ser tagħtihom dinjità għax sa issa kienu mgħaffġa. Ser jimtlew bil-ferħ għax jifirħu bil-Mulej. Biex tesprimi dan il-ferħ, il-Bibbja tas-Settanta (traduzzjoni Griega tal-AT Lhudi) meta tittraduċi din is-silta tinqeda b'verb li ma kienx magħruf għal-lingwa klassika Griega: taqbeż bil-ferħ. Dan huwa ħjiel li għalih il-lingwaġġ kien insuffiċjenti biex jesprimi din l-esperjenza unika tal-ferħ. Huwa ferħ tant kbir li xejn ma jista' jesgħu u għalhekk ifawwar tant li jiżvoga fil-kant, fil-mużika, fiż-żfin u f'ferħ ta' ġenn. Din hija l-festa perfetta tas-salvazzjoni għax Alla jkun mela l-eżistenza tal-fqir bl-ispirtu tiegħu u għamilha tiegħu: "libbisni bi lbies is-salvazzjoni, bil-mantar tal-ġustizzja għattieni."

**II QARI: 1 Tess 5, 16-24**

Din is-silta tagħlaq l-ittra b'eżortazzjoni mqanqla flimkien ma' awguri finali. F' 1 Tess 5,6 San Pawl diġà qalilhom li bħala wlied id-dawl meħtieġ li jistennew il-miġja tal-Mulej Ġesù: "Għalhekk m'għandniex norqdu bħall-oħrajn, iżda nishru u ngħixu bil-qies."

Nistgħu naqsmu din is-silta b'dan il-mod: f' v. 16-18 iwasslilhom xi tagħlim qasir tal-aħħar; f' v. 19-22 jafdalhom xi pariri għall-ħajja komunitarja; u f' v. 23-24 jiftaħ bħal tieqa biex jikkontemplaw l-opra t'Alla fihom.

L-eżortazzjoni tħeġġeġ għall-ferħ, liema ferħ mhux xi emozzjoni ta' mument li jgħaddi, imma realtà li għandha l-għeruq tagħha fiċ-ċertezza li aħna ġejna salvati mhux bis-saħħa tagħna imma bl-opra ta' "Alla tas-sliem". Iħeġġeġ ukoll biex titwettaq "ir-rieda t'Alla" (v. 18) li n-Nisrani meħtieġ li jfittex. Interessanti l-avverbji li jinqeda bihom San Pawl: dejjem; bla heda u f'kollox!

Rigward il-ħajja komunitarja jagħtihom il-parir li jitħarrġu fil-karizma tad-dixxerniment biex jiġi apprezzat it-tnebbiħ tal-ispirtu u jivvalorizzaw il-profezija.

Fl-aħħarnett, id-diskors jerġa' lura għall-opra t'Alla, ippreżentat minn Pawlu bħala "fidil". Alla nnifsu jieħu ħsieb l-imsejħin u ma jħalli lil ħadd jeħodhomlu minn taħt idejh.

**VANĠELU: Ġw 1,6-8, 19-28**

Fil-mixja tal-Avvent, Ġwanni l-Battista jakkumpanjana fl-istennija kollha ferħ u faraġ tal-Mulej li ġej bil-glorja. Fir-IV Vanġelu, Ġwanni l-Battista huwa ppreżentat bħala dak li jħabbar il-wasla tas-saltna u tal-Messija, tant li huwa meqjus għax-xhieda li huwa jagħti. "Dan ġie bħala xhieda, biex jixhed għad-dawl, biex biH kulħadd jemmen." (Ġw 1,7)

Quddiem il-fatt li ħafna Lhud laqgħu l-predikazzjoni tiegħu, l-awtorità reliġjuża ta' Ġerusalemm tibgħat kummissjoni ta' inkjesta – il-qassisin flimkien mal-leviti – biex imorru jiltaqgħu ma' Ġwanni fid-deżert u jilqgħuh bil-mistoqsijiet tagħhom.

Għal tliet darbiet Ġwanni jwieġeb fin-negattiv għas-suġġeriment tagħhom dwar l-identità vera tiegħu. Jiċħad dak li huma ħasbu dwaru. Ġwanni ma jippretendi l-ebda attenzjoni fuq persuntu imma jqis biss lilu nnifsu bħala sinjal li jindika lil Kristu. Ġwanni huwa tabilħaqq "il-leħen" ubbidjenti lejn l-Iskrittura għax titwettaq fih il-predikazzjoni għall-indiema mħabbra mill-profeti fl-AT. (Mt 3, 2.8)

Ix-xhieda li jagħti Ġwanni hija r-rivelazzjoni tal-misteru - il-Messija li kien mistenni u li Ġwanni jħabbru bħala diġà preżenti, imma li huwa moħbi. Hu ser ikun dak li jirrivelah minkejja li mhux denn li jwettaq għalih is-servizz ta' qaddej. Dan huwa wkoll mgħejun mill-indikazzjoni ġeografika li jagħtina San Ġwann – l-isem Betanja jfisser "dar ix-xhieda". Huwa isem programmatiku għax kull komunità ta' fidi hija msejħa biex issir tabilħaqq "dar ta' xhieda".

Iż-żmien tal-Avvent huwa l-parabbola għaż-żmien tal-Knisja. Iż-żmien tal-Knisja huwa żmien li fih ħarsitna hija dejjem merfugħa 'l fuq lejn dak li aħna nafu fi żgur li huwa riesaq. Għalih mistednin nixhdu bil-ħila kollha tagħna, waqt li nitolbu biex Alla jħaffef iqarreb dan il-mument biex tiġi ssiġillata s-saltna ta' Ibnu. Hekk jimtela kull vojt bejn l-isforz ċkejken u dgħajjef tagħna u dak li Alla jixtieqna nkunu fil-glorja tas-saltna.

## 6.4. IR-RABA' ĦADD

### I QARI – 2 Sam 7,1-5.8b-12.14a.16

Il-fedeltà ta' Alla hija fiċ-ċentru tal-liturġija tar-IV Ħadd tal-avvent. Il-wegħda magħmula minn Alla permezz tal-profeta Natan isseħħ fit-twelid ta' Kristu, il-Messija. Huwa tassew bin David u s-saltna tiegħu ser tibqa' mwaqqfa għal dejjem, kif jistqarr Gabrijel lil Marija fit-tħabbira li jagħmlilha.

Minn din il-paġna tnissel il-messjaniżmu regali, jiġifieri stennija marbuta ma' messija li kellu jkun mill-familja regali ta' David u li s-saltna tiegħu tkun waħda għal dejjem. Il-kunċett ta' "dar" insibuh kemm-il darba f'din is-silta b'tifsiriet dejjem aktar wesgħin. L-ewwel tissemma' d-dar ta' David fil-belt ta' Ġerusalemm, li fiha huwa kien jgħammar fis-sliem wara li ġie konfermat sultan ta' Ġuda u ta' Iżrael. Imbagħad fuq inizjattiva personali tiegħu xtaq jibni dar lil Alla f'din il-belt ġdida ta' Ġerusalemm, liema ħsieb jaqsmu mal-profeta Natan li għall-ewwel jidher li jaqbel mal-idea tas-sultan. Imbagħad Alla jibgħat lil Natan biex ikellem lil David u jgħidlu li Alla kien ser jibni dar li tkun għall-poplu tiegħu biex jgħammar fiha fiż-żgur. Fl-aħħar nett il-Mulej iwiegħed lil David dar fis-sens ta' razza li minnha toħroġ saltna għal dejjem. Din il-varjazzjoni ta' sensi mogħtija lill-istess kelma hija xhieda tal-impenn ta' dixxerniment li għandu bżonn il-proġett uman li jippjana li jibni dar għal Alla. L-ideja ta' din il-binja/tempju ma tibdiex f'Alla. Hija aspirazzjoni umana ta' David.

Il-kelma t'Alla kif imwassla minn Natan lil David tpoġġi fi kriżi l-proġett ta' David għax minflok il-ħolma tas-sultan meħtieġ li titwettaq il-ħolma ta' Alla. Ser ikun Alla li jagħti dar lil David permezz ta' dixxendenza regali. Huwa David li jidħol fil-proġett t'Alla u mhux Alla li joqgħod għall-proġetti ta' David.

Il-bniedem reliġjuż dejjem ħolom u xtaq Alla li jkun qrib tiegħu u aċċessibbli. Dan huwa ħsieb nobbli li kellu wkoll David. Imma David attribwixxa importanza li t-tempju tal-ġebel ma kellux. Dan huwa l-messaġġ li Alla wassallu permezz tal-profeta – Alla jiġi qabel u 'l fuq minn kull binja tal-ġebel. Alla huwa kompletament ħieles biex ikun preżenti kullimkien, fejn irid u jesprimi lilu nnifsu lil hemm mill-ambjenti li aħna ta' bnedmin li aħna identifikajna mas-sagru. David m'għandux jinkwieta żżejjed fuq tempju mibni b'idejn il-bnedmin fejn l-aktar li jidher huwa l-għerf u l-qawwa tal-bniedem, imma fuq l-istabiltà li Alla jagħti lir-razztu u li minnha ser jitwieled il-werriet tal-wegħda.

It-tradizzjoni nisranija dejjem qieset lil Ġesù bħala l-ġebla tax-xewka wżata fil-binja tat-tempju l-ġdid t'Alla, magħmul minn ġebel ħaj (1 Piet 2, 4-10). Il-ġisem tiegħu rxuxtat huwa ħaj fil-Knisja u dan huwa t-tempju veru (Ġw 2,20-22/1 Kor 3,17). Ta' min jaħseb fuq kemm drabi ħlomna knisja jew reliġjon skont il-kriterji soċjoloġiċi tagħna jew xi ideoloġija kurrenti, bla ma nkludejna l-mod ta' kif jaħseb Alla.

### II QARI – Rum 16, 25-27

Alla huwa dak li għandu s-setgħa jwettaqna u li jwassal lill-ġnus kollha għall-ubbidjenza tal-fidi. Din hija l-aħbar it-tajba. Dan huwa innu mill-isbaħ li jagħlaq l-ittra lir-Rumani: għajta ta' tifħir li tidwi mill-ġdid fi ħdan il-Knisja.

Lejn Alla huwa indirizzat dan it-tifħir, lil dak li jassigura s-sħuħija u li "hu l-waħdu għaref". Huwa tifħir li jsir awtentiku fi tmiem din il-mixja tal-Avvent li xegħlet f'qalbna ċ-ċertezza li l-pjan t'Alla huwa wieħed żgur, fis-sod u mhux ser jiġi nieqes.

Ir-Rumani jidher li mxew u għamlu progress fil-ħajja nisranija tagħhom. Imma baqa' ħafna x'wieħed iterraq. Imma jistgħu jaslu fit-tmiem biss bl-ispinta frott tal-enerġija ġejja minn Alla. Alla hu li jagħti l-istabilità għax Alla jibda u jwassal għat-tmiem.

Din is-silta bi probabilità kbira hija frott ta' ċelebrazzjoni liturġika tal-Knisja tal-bidu, fejn kienet tiġi mistqarra u mgħixha b'mod ċar l-medjazzjoni waħdanija bejn Alla u l-bniedem fi Kristu Ġesù.

**VANĠELU: Lq 1,26-38**

Biex iwettaq il-pjan tiegħu, Alla jinqeda permezz ta' tfajla sempliċi u umli, verġni minn Nażaret. Jolqotna l-atteġġjament ta' fidi u ubbidjenza ta' Marija li tagħti d-disponibilità tagħha u tistqarr: "Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skont kelmtek." Marija hija lesta li tilqa' għaliha l-proġett ta' Alla, offrut lilu f'atteġġjament kontinwu ta' ubbidjenza għas-salvazzjoni tal-umanità kollha.

Il-Lumen Gentium 56 titkellem fuq il-mod attiv tal-koperazzjoni li wriet Marija: "Marija ma kenitx strument passiv f'idejn Alla imma kkoperat għas-salvazzjoni tal-bniedem bil-fidi u bl-ubbidjenza li hi tat bil-libertà kollha tagħha."

Anke għalina l-pjan divin tas-salvazzjoni huwa proposta biex nissottomettu l-proġetti u l-eżistenza tagħna. Il-misteru tal-fidwa li nbeda f'Marija jitkompla fina. Hija mudell għalina ta' kif kull wieħed jilqa' r-rigal tal-fidwa. Anke aħna mistiedna nitħejjew biex nilqgħu l-Iben t'Alla "fil-qalb u fil-ġisem" b'ġenerożità sħiħa u hekk nikkoperaw b'fidi ħielsa u b'ubbidjenza bla kundizzjonijiet l-avvent tas-saltna. Huma dawn l-iva għall-ġustizzja, għall-imħabba, għall-kondiviżjoni, għall-fedeltà lejn il-vanġelu li jagħmlu aktar effikaċi u veru l-Milied ta' salvazzjoni għalina u għad-dinja kollha.

It-tħabbira tat-twelid ta' Ġesù hija f'korrispondenza mal-vokazzjoni ta' Marija biex tkun il-qaddejja tal-Mulej. Ġesù huwa ppreżentat bħala s-sinjal tal-fedeltà t'Alla (v. 32-33). Joqogħdu għalih il-profeziji kollha. Fl-aħħar id-dar ta' Ġakobb ssib fi Kristu dak is-sultan li jirrealizza l-ideal veru tas-saltna, idejal ta' ġustizzja, ta' paċi u ta' fraternità.

Hija l-opra ta' Alla li tinsab fiċ-ċentru tal-liturġija ta' dan il-Ħadd – il-fedeltà tiegħu u d-don tiegħu. Bl-iva tagħha Marija tagħmel possibbli li dan id-don jasal għandna. Marija m'għandhiex xi pożizzjoni influwenti fis-soċjetà ta' żmienha imma d-dar tagħha hija miftuħa għal Alla. Temmen fil-fedeltà t'Alla u toffri ħajjitha għal Alla: isir minni skont kelmtek!

# 7. NOVENA TAL-MILIED

## Ir-Rgħajja, l-Ewwel Missjunarji

*"Kif raw dan, bdew jgħarrfu b'kull ma kien intqal lilhom dwar dik it-tarbija, u kull min semagħhom baqa' mistagħġeb b'dak li qalulhom ir-rgħajja."* **(Lq 2,18-19)**

**A. Indikazzjonijiet utli:**

1. **Tema**: Il-mixja tan-Novena hija mibnija fuq l-istorja tar-Rgħajja ta' Betlehem.
2. **Skop**: (Fejn nixtiequ li n-nies jaslu fl-aħħar tan-Novena) L-iskop tan-Novena huwa li kull Nisrani jagħraf l-identità missjunarja tiegħu.
3. **Kelma ta' Alla**: F'din l-iskema, mas-silta tal-Vanġelu dwar ir-Rgħajja, issib ukoll siltiet mill-ittri ta' San Pawl dwar l-istess tema.
4. **Sinjal**: (L-ambjent ċirkostanti huwa importanti ferm biex in-Novena tkun ċelebrazzjoni u esperjenza) Għajnuna viżibbli li toħloq l-ambjent fi qbil mat-tema tal-ġurnata, b'tali mod li l-parteċipanti jkunu jistgħu jidħlu fit-tema b'mod aktar faċli.
5. **Ġest**: (Fuq il-prinċipju *learning by doing*) Azzjoni sempliċi, f'kontinwità mat-tema tal-ġurnata, hekk li l-iskop ikun mpoġġi fil-prattika b'mod simboliku.
6. Wieħed jista' jkun kreattiv u jagħżel sinjali u ġesti oħra li jarahom aktar adattati għat-tema tal-ġurnata.

**B. Iċ-Ċelebrazzjoni:**

1. Wieħed iħejji s-sinjal sa minn qabel b'tali mod li n-nies diġà jkollhom ħjiel tat-tema.
2. Fl-introduzzjoni tal-Quddiesa, is-saċerdot jintroduċi t-tema tal-ġurnata u jispjega s-sinjal.
3. Qabel l-omelija, jekk ikun il-każ, tista' ssir mima tal-parti tal-istorja tar-Rgħajja li tkun qed tiġi trattata. Flok mima tista' tintwera *film/video clip* qasira, jew jintwera *Powerpoint presentation*. Jekk tkun in-Novena tat-tfal, tajjeb li t-tfal jieħdu sehem attiv.
4. Is-saċerdot jista' jispjega l-kontenuti tat-tema. Dan jista' jagħmlu mhux biss b'espożizzjoni verbali iżda wkoll b'mezzi oħra, bħal djalogu mal-assemblea, ppt, *sketches* ippreparati mit-tfal jew miż-żgħażagħ... L-importanti li l-azzjoni tar-Ragħaj tiġi applikata b'mod ċar għan-Nisrani.
5. Wara t-tqarbin jista' jsir il-ġest li jkompli jgħin biex it-tema ssir esperjenza. Importanti li jkun hemm l-ordni. Waqt il-ġest, meta jkun jaqbel, jixraq li jsir xi kant adattat.
6. Jixraq li wara ċ-ċelebrazzjoni tan-Novena jitqassam xi *snack* (kejk, ħelu) lit-tfal li jkunu preżenti. Dan ikompli jgħin biex tinħoloq il-klima ta' ferħ u stennija li ġġib magħha l-festa tat-Twelid ta' Ġesù.

*N.B. Dawn huma biss suġġerimenti li għandhom mhux jillimitaw iżda jistimolaw il-kreattività u l-inizjattiva tal-kappillan u tal-operaturi pastorali tal-parroċċa.*

| | Tema | Skop - messaġġ | Kelma ta' Alla | Riferimenti Bibliċi | Sinjal | Ġest |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1. | Ir-ragħaj li **jishar** | In-Nisrani mistieden joqgħod attent, jibqa' mqajjem, ma jorqodx, jgħix dejjem binhar. | "F'dawk l-inħawi kien hemm xi rgħajja fir-raba', għassa mal-merħla tagħhom billejl." (Lq 2,8) | 1Kor 16,13<br>Kol 4,2<br>1Tes 5,6<br>2Tim 4,5 | Musbieħ, fanal, serduq, kokka | Tinxtegħel ix-xemgħa |
| 2. | Ir-ragħaj li **jibża'** | Quddiem il-kobor ta' Alla, in-Nisrani jibża' għax jinduna bix-xejn tiegħu u bil-ħtieġa li jikkonverti. | "Il-glorja tal-Mulej iddiet madwarhom, u qabadhom biża' kbir." (Lq 2,9b) | Fil 2,12<br>Rum 13,4 | Tajn, bċejjeċ tad-drapp jew tax-xkora li juru x-xejn tal-bniedem. | Tqegħid tal-irmied |
| 3. | Ir-ragħaj li **jisma'** | Il-ħtieġa u s-sbuħija tas-smigħ ta' dak li Alla jixtieq, smigħ tal-Kelma | "Dehrilhom anġlu tal-Mulej... u qalilhom: Tibżgħux, għax araw, qiegħed inħabbrilkom ferħ kbir, ferħ li se jkun għall-poplu kollu. Illum fil-belt ta' David twildilkom Salvatur, li hu l-Messija, il-Mulej. U bħala sinjal ikollkom dan: issibu tarbija mfisqija u mimduda f'maxtura." (Lq 2,9a.10-13) | Rum 10,14-16<br>Rum 1,16<br>Gal 1,6-11<br>Fil 1,27 | Il-Kelma ta' Alla fuq it-Tron | Titqassam silta mill-Iskrittura |
| 4. | Ir-ragħaj li **jitlaq** | Il-ħajja tan-Nisrani awtentiku hija mixja li ma tieqaf qatt. Meta n-Nisrani jieqaf, jibda jmut fil-fidi. | "Meta mbagħad l-anġli ħallewhom u telgħu s-sema, ir-rgħajja bdew jgħidu lil xulxin: Ejjew immorru Betlehem ħa naraw x'ġara kif għarrafna l-Mulej." (Lq 2,15) | 2Tim 4,7-8 | Bastun, ħorġa, ilma | Ilma |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **5.** | Ir-ragħaj li **jsib** | In-Nisrani jiltaqa' mal-Mulej ħaj u jsib ruħu salvat u maħbub b'xejn. | "Marru mela jgħaġġlu, u sabu lil Marija u 'l Ġużeppi, bit-tarbija mimduda f'maxtura." (Lq 2,16) | Gal 1,15-16<br>Gal 2,20 | Ġesù Bambin | Bewsa tal-Bambin |
| **6.** | Ir-ragħaj li **jadura** | L-infinità u l-gratuwità tal-imħabba ta' Alla tqanqlu biex jinżel għarkupptejh jadura. | "Meta mbagħad daħlu d-dar u raw lit-tifel ma' ommu Marija, nxteħtu fl-art iqimuh." (Mt 2,11) | Fil 2,5-11<br>Kol 1,12-23 | Ewkaristija | Ġest ta' adorazzjoni lil Ġesù |
| **7.** | Ir-ragħaj li **jirregala** | Din l-adorazzjoni ssir konkreta billi ssir imħabba prattika fil-ħajja ta' kuljum. | "u offrewlu rigali..." (Mt 2,11b) | Rum 8,32<br>Rum 12,20<br>1Tim 4,5 | Pakketti ta' rigali | Iġibu rigali/ *preserves*, eċċ... (biex jingħataw f'karità) |
| **8.** | Ir-ragħaj li jaqsam l-esperjenza - **iħabbar** | Mimli bil-ferħ, in-Nisrani jħoss il-bżonn li jirrakkonta din l-aħbar tajba lill-oħrajn. | "Kif raw dan, bdew jgħarrfu b'kull ma kien intqal lilhom dwar dik it-tarbija, u kull min semagħhom baqa' mistagħġeb b'dak li qalulhom ir-rgħajja." (Lq 2,18-19) | 1Kor 9,16-18<br>Rum 10,15<br>1Kor 1,17<br>1Kor 1,23 | Is-salib żgħir tal-missjunarju | Dilka biż-żejt u balzmu |
| **9.** | Ir-ragħaj li **jfaħħar u jrodd ħajr lil Alla** | Il-ħajja tan-Nisrani hi radd ta' ħajr u tifħir kontinwu lil Alla għal tant imħabba b'xejn. | "F'daqqa waħda ngħaqdu ma' l-anġlu għadd kbir ta' qtajja' tas-sema, ifaħħru lil Alla u jgħidu: "Glorja lil Alla fil-ogħla tas-smewwiet, u sliem fl-art lill-bnedmin li jogħġbu lilu!" (Lq 2,14) | Rum 15,6<br>Rum 15,11<br>1Kor 1,4<br>1Tes 2,13 | Inċens | Innu ta' tifħir (jista' jiġi mimat) |

## 8. PRIEDKA TAT-TIFEL FIL-LEJL TAL-MILIED

# *Intervista ma' Ragħaj*

<u>Nota</u>: L-intervista-Priedka tal-Milied hi marbuta mas-Sena Pawlina – u għalhekk b'riferiment kontinwu għall-Ittra ta' San Pawl -, u marbuta wkoll mal-Missjoni Djoċesana. Barra fil-proposta ta' priedka fil-lejl tal-Milied, tista' ssir bħala *sketch* għat-tfal, fejn l-intervista flok ma' ragħaj wieħed tista' ssir ma' grupp ta' rgħajja.

*It-Tifel li ser jagħmel il-priedka jkun liebes ta' Ragħaj, filwaqt li jkun hemm tifla liebsa eleganti li tkun ġurnalista. Ir-Ragħaj ikun qiegħed jistenna, filwaqt li jgħid:*

**Ragħaj:** Għeżież, illum lili, ragħaj ta' żmien l-Imperatur Ċesari Awgustu, ġabuni hawn biex jistaqsuni dwar it-twelid ta' Ġesù. Qagħdu jaqilgħu lili, meta kulħadd għandu l-Bibbja d-dar. Min jaf x'ser tistaqsini din il-ġurnalista? Minkejja li ma għandi xejn x'naħbi, xorta qed inħossni nibża' xi ftit... Donna ġejja l-ġurnalista... ħa naraw x'ġej!

*Minn fost in-nies titla' l-ġurnalista, b'file f'idejha. Tmur fejn ir-ragħaj, teħodlu b'idejh waqt li tgħidlu:*

**Ġurnalista:** Grazzi mill-qalb li aċċettajt l-istedina tiegħi biex nagħmillek xi mistoqsijiet. Naf li int ma tantx għandek ħin, għalhekk nibdew malajr bil-mistoqsijiet.

**Ragħaj:** Stenna ftit, għażiża ġurnalista, jiena mdorri li qabel nibda biċċa xogħol ngħid talba żgħira.

**Ġurnalista:** Iva, għandek raġun, skużani.

**Ragħaj:** Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Ammen. O Alla Missier, nitolbok, ibgħat l-Ispirtu Qaddis tiegħek ħalli dak li jiena ngħid ikun biss dak li Int tixtieq minni, għinni nwassal mhux il-kelma tiegħi, imma l-Kelma ta' Ibnek Ġesù Kristu Sidna. Ammen...
Tajjeb, issa lest għal kull mistoqsija.

**Ġurnalista:** L-ewwel mistoqsija li nixtieq nagħmillek hija kif dak in-nhar li twieled Ġesù, ħadd ma nduna ħlief intom ir-rgħajja, li kontu nies imwarrba minn kulħadd.

**Ragħaj:** Veru, għandek raġun, aħna r-rgħajja konna dejjem meqjusa bħala nies mhux ta' min jafdahom, dejjem konna nies li ma nkunu involuti f'xejn, ma konna nattendu għall-ebda festa, għalina l-ġranet kienu kollha l-istess. Però l-istess xogħol tagħna kien dak li tana x-xorti li nindunaw bit-twelid ta' Ġesù. Ix-xogħol tagħna jitlob li waqt li nkunu bil-merħla ma norqdux, imma nibqgħu mqajma, nibqgħu attenti, għassa mal-merħla tagħna. Għalhekk, waqt li n-nies kollha kienu reqdin, waqt li ħadd ma kien jaf x'qiegħed jiġri, aħna konna attenti, għassa mal-merħla, u dan kien l-ewwel pass biex aħna sirna nafu li twieled Ġesù.

U anke intom, għeżież, jekk tridu ssiru tafu lil Ġesù jeħtieġ tkunu nies attenti, kif jgħid l-Appostlu San Pawl: "Ishru, żommu sħiħ fil-fidi, kunu qalbiena, saħħu ruħkom ilkoll". (1Kor 16,13)

**Ġurnalista:** Tajjeb, verament interessanti. Imma veru li x'ħin dehrulkom l-anġli bdejtu tibżgħu? Għalfejn?

**Ragħaj:** Mhux bżajna biss, imma twerwirna!! Illum, x'ħin niftakar f'din id-dehra, ngħid kemm kienet sabiħa, għax naf li kienet xi ħaġa għall-ġid tagħna, però dak il-ħin bżajna lkoll kemm aħna. Konna quddiem xi ħaġa tassew akbar minna, quddiem dehra ta' Alla. Dak il-ħin aħna ndunajna kemm ma aħna xejn quddiem il-kobor ta' Alla. Min jibqa' attent, min jibqa' jgħasses, jinduna kemm huwa żgħir u kemm huwa kbir Alla. Dak il-ħin indunajna li ma nistgħux nibqgħu ngħixu dak it-tip ta' ħajja mwarrba minn kulħadd; indunajna li hemm bżonn nibdlu xi ħaġa f'ħajjitna, għalkemm ma konniex nafu x'inhi.

Għeżież, nerġa' ndur fuqkom, u ngħidilkom toqogħdu attenti biex ma tidrawx il-fidi tagħkom, biex tibqgħu dejjem konxji li Alla huwa tassew kbir għal fejn il-bniedem, u bi kliem l-Appostlu Pawlu ngħidilkom: "ħabirku għas-salvazzjoni tagħkom bil-biża' u t-tregħid". (Fil 2, 12)

**Ġurnalista:** Allura mbagħad bqajtu tibżgħu? X'ġara wara dik id-dehra mhux tas-soltu?

**Ragħaj:** Il-biża' tagħna għosfor hekk kif smajna l-leħen tal-anġli, leħen mill-aktar ħelu, li kien qiegħed iwasslilna l-Kelma ta' Alla. "Tibżgħux", qalilna wieħed mill-anġli, "għax araw, qiegħed inħabbrilkom ferħ kbir, ferħ li se jkun għall-poplu kollu. Illum fil-belt ta' David tweldilkom Salvatur, li hu l-Messija, il-Mulej. U bħala sinjal ikollkom dan: issibu tarbija mfisqija u mimduda f'maxtura." (Lq 2, 9a.10-13). Ma' dan il-kliem, il-biża' kbir inbidel f'ferħ li ma jistax jiġi mfisser bil-kliem. X'ħin smajna l-kliem tal-anġlu, indunajna li dan Alla, minkejja li huwa kbir u li aħna ma aħna xejn għal fejnu, huwa kapaċi jinżel għal-livell tagħna u jitkellem magħna. Dan għamlilna kuraġġ kbir u mliena bil-ferħ.

Għeżież, nerġa' nfakkarkom fil-kliem li San Pawl kien kiteb lir-Rumani: "Imma kif jistgħu jsejħu lil dak li ma jemmnux fih? Kif jistgħu jemmnu f'dak li ma semgħux bih? Kif jistgħu jisimgħu jekk ma jxandrulhomx?" (Rum 10, 14). Issa jien naf li intom tistgħu tisimgħu l-kelma ta' Alla b'ħafna modi: għandkom il-Bibbja fil-lingwa tagħkom, għandkom ħafna min ixandar il-Kelma ta' Alla; imma nistaqsi, kemm qegħdin tisimgħu b'attenzjoni?

**Ġurnalista:** U wara li smajtu l-messaġġ tal-anġli, x'għamiltu? Komplejtu tieħdu ħsieb il-merħla u l-għada filgħodu mortu tfittxu t-tarbija?

**Ragħaj:** Kieku bqajna hemm biex immorru l-għada filgħodu żgur li ma konna mmorru qatt; kieku ħallejna l-ħin jgħaddi u ma ħadniex deċiżjoni dak il-ħin konna nibqgħu dejjem mal-merħliet tagħna. Dak il-ħin stess, hekk kif spiċċat id-dehra, bdejna ngħidu lil xulxin: "Ejjew immorru sa Betlehem ħa naraw x'ġara kif għarrafna l-Mulej" (Lq 2,16). Ħallejna kollox, ħallejna x-xogħol tagħna, u tlaqna minn dak il-post. Ħadna deċiżjoni u ma ħarisniex lura lejn dak li ħallejna. Irrid ngħid li minkejja li lkoll kemm aħna smajna l-Kelma tal-Anġli mhux kollha ddeċidew li jitilqu minn hemm... imma naħseb li wara ddispjaċihom!

Anke l-Appostlu tal-Ġnus, wara li sema' l-Kelma ta' Alla, ħalla kollox, iddeċieda li jitlaq il-ħajja ta' qabel, tant li fl-aħħar ta' ħajtu wasal biex qal: "Tqabadt it-taqbida t-tajba, temmejt il-ġirja, ħarist il-fidi." (2Tim 4, 7) Infakkarkom, ħbieb, li mhux biżżejjed tiġi l-Knisja u tisma' l-Kelma ta' Alla u tgħid kemm hi sabiħa. Biex tiltaqa' ma' Ġesù jeħtieġ tiddeċiedi li titlaq u timxi, mixja li tibqa sejra ħajjitkom kollha. Ħafna Nsara jagħmlu ħajjithom jisimgħu l-Kelma ta' Alla, imma qatt ma jitilqu d-drawwiet tas-soltu, jibqgħu bħal qabel.

**Ġurnalista:** Kif sibtu lit-tarbija Ġesù u x'għamiltu x'ħin sibtuha?

**Ragħaj:** Wara li smajna l-Kelma tal-anġli, minnufih tlaqna nfittxu lit-tarbija. Minkejja li kien bil-lejl, f'malajr sibna lit-tarbija ġo għar, għar imdawwal b'dawl speċjali li qatt ma rajna bħalu. Dak il-ħin li rajna lil dik it-tarbija ġol-maxtura, tarbija ta' ħlewwa tas-sema, nistqarr miegħek u magħkom li ħassejtni għall-ewwel darba f'ħajti li kien hemm xi ħadd li kien qiegħed iħobbni. Dak il-ħin ma stajna nagħmlu xejn ħlief li ninżlu għarkopptejna u nbusu lil dik it-tarbija, filwaqt li nżilna wiċċna ma' l-art nagħtu qima lil Alla li wera mħabba kbira lejna, mħabba li żgur ma kienx jistħoqqilna. Dak il-ħin offrejna wkoll ir-rigali tagħna - xejn speċjali -, offrejna biss mill-frott tax-xogħol tagħna: ħarufa ċkejkna.

Anke l-Appostlu Pawlu sab lil Ġesù Kristu, u x'ħin sabu nduna bl-imħabba kbira li rċieva mingħandu. "Ngħix, imma mhux iżjed jien, iżda jgħix fija Kristu. Il-ħajja li issa ngħix fil-ġisem qiegħed ngħixha bil-fidi fl-Iben ta' Alla, li ħabbni u ta lilu nnifsu għalija". (Gal 2,20). U intom iltqajtu ma' Kristu? Tridu tkunu tafu jekk iltqajtux miegħu? Faċli. Staqsu lilkom infuskom għalfejn ġejtu hawn illejla, jekk hux għax hekk is-soltu jew b'risposta għall-imħabba li Alla għandu għalikom.

**Ġurnalista:** Il-ħin qiegħed jagħfas ġmielu, però fadalli mistoqsija waħda. X'għamiltu wara li ħallejtu lil dik it-tarbija?

**Ragħaj:** Lil dik it-tarbija ma ħallejniha qatt aktar; minkejja li tlaqna minn fejnha, però dik it-tarbija baqgħet dejjem f'moħħna u f'qalbna. Imma biex nirrispondi għad-domanda tiegħek, x'ħin ħriġna minn dak l-għar - kien filgħodu kmieni -, ma' kull min bdejna niltaqgħu, bħal tfal żgħar bdejna sempliċement nirrakkontaw dak li kien ġralna, u kulħadd baqa' mistagħġeb b'dak li għednilhom. X'ħin rajna li dan il-ferħ tagħna beda jgħaddi wkoll għand l-oħrajn, ma stajna nagħmlu xejn aktar milli nimtlew b'ferħ kbir u rroddu ħajr lil Alla għal dak kollu li għamel fina u permezz tagħna.

Pawlu wkoll b'ferħ u entużjażmu kbir, wara li sar jaf lil Ġesù Kristu beda jxandru kull fejn imur, anke fid-diżgrazzji tiegħu. Pawlu kien ixandar lil Ġesù, kif għamel magħkom il-Maltin u l-Għawdxin: wara n-nawfraġju fuq artkom, beda jxandar dak li għalih kien il-ferħ u l-qawwa tiegħu, lil Ġesù ta' Nażaret. Pawlu kien ukoll jifraħ fuq li jifraħ meta jara oħrajn jimxu wara Ġesù: "Jien niżżi ħajr lil Alla tiegħi minħabba fikom għall-grazzja li Alla tagħkom, lilkom fi Kristu Ġesù". (1Kor 1,4).

Għeżież, jekk verament iltqajtu ma' Kristu, ma tistgħux tibqgħu siekta; jekk iltqajtu ma' Kristu u Kristu qiegħed fikom, intom illum fis-sena 2008/2009, intom imsejħin biex ixxandru l-ferħ li jħalli fikom Ġesù. Jien dan għadni nagħmlu, avolja għaddew fuq elfejn sena minn meta ġrat dik il-ġrajja sabiħa. U intom?

**Ġurnalista:** Nirringrazzjak mill-qalb, għax mhux biss għedtilna kif int u sħabek iltqajtu ma' Ġesù, imma wrejtna kif aħna, illum ukoll nistgħu niltaqgħu miegħu. Grazzi mill-qalb. Inħalli għalik l-aħħar messaġġ, mingħajr ma nistaqsik xejn.

**Ragħaj:** Jien naf li intom qed tiċċelebraw is-Sena Pawlina u li qegħdin tiċċelebraw il-Missjoni Djoċesana. Dawn iż-żewġ avvenimenti żgur li qegħdin isejħu lil ħafna minnkom biex tiltaqgħu ma' Ġesù, hi x'inhi l-età tagħkom. L-appell tiegħi huwa li tkunu: attenti; tisimgħu l-Kelma ta' Alla u tiddeċiedu li tmorru warajh; il-bqija ħalluh f'idejH. Nixtieq li f'dan il-Milied, Ġesù Bambin jiġi jgħammar fil-qalb tagħkom, fil-familji tagħkom. Iftħulu l-bieb ta' qalbkom, u għada filgħodu oħorġu u xandru lil kulħadd din l-aħbar sabiħa: "L-Iben ta' Alla sar bniedem u għammar fostna!!" Viva Ġesù Bambin.

# 9. Ċelebrazzjoni Penitenzjali għall-Adolexxenti

## "Il-pajjiż bla difett"

**Nota:**

1. Wieħed mill-mezzi biex nikbru kemm bħala persuni u kemm bħala Nsara hu li nagħrfu li niżbaljaw. L-umiltà li naċċettaw id-difetti u d-dnubiet tagħna tgħinna biex inkunu nistgħu naffrontawhom biex nimxu 'l quddiem. Dan l-istess atteġġjament ta' umiltà jgħinna niċċekknu biex inkunu nistgħu nilqgħu l-aħbar tat-twelid ta' Ġesù fil-Milied.
2. Meta wieħed jaħseb li ma jiżbaljax, li ma għandu ebda difett, aktarx li jkollu fih atteġġjament ta' suppervja. Il-bniedem supperv ma jistax jikber quddiem Alla, għax min hu supperv ma jħossx il-bżonn li jitlob skuża jew li jitlob l-għajnuna. Ir-rakkont li ġej jista' jintroduċi ċ-ċelebrazzjoni jew jintuża waqt ir-riflessjoni.

***<u>Il-pajjiż bla difett</u>***

Darba kien hemm wieħed jismu Nikola li kien jeqred u jgerger minn x'ħin jisbaħ sa x'ħin jidlam. Ma kien jogħġbu xejn. Jara d-difetti f'kulħadd, igerger minn kollox, saħansitra mill-post fejn kien jgħix. Kien iħoss li ħadd ma kien perfett bħalu.

Jum fost l-oħrajn iddeċieda li jitlaq mid-dar u jmur ifittex il-pajjiż bla difett. X'imkien, kien jaħseb bejnu u bejn ruħu, kien hemm pajjiż jgħodd għalih, jaqbel miegħu, fejn kollox kien perfett. Tefa' s-sorra fuq spallejh u erħielha għal għonq it-triq. Wara ħafna mixi wasal f'post ġdid. Min jaf, tgħid kien dan il-pajjiż bla difett? Sab post fejn jistrieħ, imma meta beda jidlam induna li f'dak il-post ma kienx hemm dawl elettriku. Kif seta' jkun dak il-pajjiż perfett?!

Nikola reġa' sarr kollox u telaq… ifittex il-pajjiż perfett. Terraq u mexa… u wasal f'post ġdid. Id-dehra tiegħu kienet tiġbdek. Tgħid kien dan il-pajjiż perfett? Imma x'ħin wasal ħin l-ikel induna li f'dak il-pajjiż ma kienx hemm inbid! Uffa! Anqas dan ma kien il-pajjiż perfett.

Arah mill-ġdid lil Nikola miexi jfittex il-pajjiż perfett. Wasal fil-pjazza ta' post ieħor u ra suq kbir, mimli kuluri u oġġetti sbieħ għall-bejgħ. Nikola resaq biex jixtri xi affarijiet, imma beda jissuspetta li għax ma kienx tal-post il-bejjiegħa kienu qed iqarrqu bih. Anqas dan ma kien il-pajjiż perfett li jgħodd għalih. Kif jista' jkun jgħix hemmhekk ma' dawk il-ħallelin?!

Hemm hu Nikola, għaddej minn post għal ieħor, ifittex il-pajjiż perfett. Imma, oħroġ il-għaġeb, il-pajjiż perfett ma seta' jsibu mkien. F'kull post li mar sab xi difett jew tnejn. Hu kien perfett, kif seta' joqgħod hemm?!

Tafu x'ġara minn Nikola? Għadu jdur, ifittex il-pajjiż bla difett!...

**Ħejji:**

1. Kartonċin kulurit li fuqu jkunu mniżżla l-"pajjiżi" li jirrappreżentaw id-dnubiet (jittieħdu mill-eżami tal-kuxjenza).
2. Il-kant.
3. Saċerdoti għall-qrar.
4. L-ambjent fejn se ssir iċ-ċelebrazzjoni.

1. **Kelmtejn tal-bidu: kif se ssir ċ-ċelebrazzjoni**

   - Xieraq li ċ-ċelebrant jorbot iċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament tal-maħfra mal-mixja tal-Avvent bħala tħejjija tal-qalb għall-miġja ta' Kristu fil-Milied.

2. **Kant u tislima tal-bidu miċ-ċelebrant**

3. **Qari: Lq 18,9-14**

Kien hemm uħud li kienu jafdaw fihom infushom li huma ġusti u kienu jmaqdru lill-oħrajn. Ġesù qalilhom din il-parabbola: "Żewġt irġiel, wieħed Fariżew u l-ieħor pubblikan, telgħu fit-tempju biex jitolbu. Il-Fariżew, wieqaf, talab hekk f'qalbu, 'O Alla, niżżik ħajr li m'iniex bħall-bqija tal-bnedmin, ħalliela, inġusti, żienja, jew ukoll bħal dan il-pubblikan. Jiena nsum darbtejn fil-ġimgħa u nħallas l-għexur ta' kull ma ndaħħal.' Iżda l-pubblikan, bil-wieqfa fil-bogħod anqas biss ried jerfa' għajnejh lejn is-sema, imma beda jħabbat fuq sidru u jgħid: 'O Alla, ħenn għalija, għax jiena midneb!' Ngħidilkom jien li dan, u mhux l-ieħor, niżel id-dar iġġustifikat. Għax kull min jitkabbar, jiċċekken; u min jiċċekken, jitkabbar."

*Il-Kelma tal-Mulej. /Tifħir lilek, Kristu.*

4. **Riflessjoni**

   - Il-ħsieb taċ-ċelebrant għandu jkun marbut mas-suġġett u mal-qari mill-Iskrittura. Tkun ħaġa tajba li ċ-ċelebrant jorbot il-ħsieb ma' xi esperjenza konkreta.
   - Hawn qed inġibu żewġ stejjer li jistgħu jkunu ta' għajnuna għal min imexxi r-riflessjoni.

***i. Wara l-fireplace***

Liż-żgħażagħ li kienu jiġu għandu għall-ewwel darba, Rabbi Bunam kien jirrakkonta l-istorja ta' Rabbi Eżekija, iben Rabbi Jekel ta' Krakovja. Wara ħafna snin ta' faqar u miżerja, li però ma tellfulux il-fiduċja tiegħu f'Alla, Rabbi Eżekija rċieva ordni waqt il-ħolm biex imur Praga u hemm ifittex teżor li kien taħt il-pont li jagħti għall-palazz tar-re.

Meta l-ħolma rrepetiet ruħha għat-tielet darba, Eżekija qam bla telf ta' żmien u rħielha bil-mixi lejn Praga. Imma l-pont kien mgħasses lejl u nhar mis-suldati, u Eżekija ma kellux kuraġġ imur iħaffer fil-post li kien ħolom. Kuljum, x'ħin jisbaħ, kien jerġa' jmur quddiem il-pont, u jibqa' jdur hemm sa filgħaxija. Sa fl-aħħar, il-kaptan tas-suldati, li kien ilu jinnutah ġej u sejjer, mar fuqu u b'sens ta' ħbiberija staqsieh jekk kienx tilef xi ħaġa jew jekk kienx qed jistenna lil xi ħadd. Eżekija rrakkuntalu l-ħolma li kienet wasslitu sa hemmhekk. Il-kaptan infaqa' jidħaq: "U int, miskin, biex tagħti widen għal ħolma ġejt hawn bil-mixi? Ħa, ħa, ħa! Miskin int jekk temmen il-ħolm! Allura jien suppost li kelli mmur Krakovja fid-dar ta' ċertu Lhudi jismu Eżekija, iben Jekel, infittex teżor moħbi wara l-*fireplace*! Eżekija, iben Jekel, fhimt?! Arani dieħel fid-dar ta' dan u nqalleb kollox ta' taħt fuq, meta nofs il-popolazzjoni tal-Lhud li jgħixu fi Krakovja jisimha Eżekija, u n-nofs l-ieħor Jekel!"

U reġa' qabad jidħak mill-ġdid. Eżekija sellimlu, rritorna d-dar u beda jfittex wara l-*fireplace*.

Sab it-teżor u bih bena s-sinagoga tar-raħal tiegħu.

*<u>Tagħlima</u>: Ħajjitna hi rigal, teżor sabiħ. Bid-dnub xi drabi naħsbu li se niksbu xi ħaġa isbaħ, aħjar, bla ma nindunaw li nkunu nkerrhu lilna nfusna. Il-qrar jgħinna niskopru s-sbuħija li hemm fina, madwarna u fl-oħrajn.*

***<u>ii. Il-bajda</u>***

Darba waħda, armla fqira ħafna sabet bajda tat-tiġieġ, Kollha ferħana marret id-dar u sejħet lil binha. Qaltlu:

"Flok insajru l-bajda, inpoġġuha taħt il-qroqqa tal-ġâra tagħna tagħna biex tfaqqas u jkollna tiġieġa. It-tiġieġa ma nsajruhiex, imma niġbru l-bajd u hekk ikollna ħafna flieles. Il-flieles jikbru u jkollna ħafna tiġieġ u ħafna bajd. U la nsajru t-tiġieġ u lanqas il-bajd, u hekk ikollna ħafna tiġieġ u ħafna bajd. U mbagħad inbigħuhom u nixtru baqra. Il-baqra ma nsajruhiex imma naħdmu l-għalqa biex inkabbru l-ħaxix. U meta jikber il-ħaxix, inbigħuh u hekk ikollna ħafna flus. U bil-flus inkunu nistgħu nixtru…"

U waqt li kienet sejra toħlom x'se tagħmel b'dik il-bajda, bil-flieles u bil-flus, f'daqqa waħda l-bajda ħarbitilha minn idejha u ċċaftret mal-art…

*<u>Tagħlima</u>: Hekk jiġri wkoll fil-ħajja spiritwali meta qatt ma niddeċiedu biex insiru aħjar. Jekk inħallu lil Alla jittrasformana, hu żgur li jagħmel proġett sabiħ flimkien magħna. Is-sagrament tal-qrar jagħtina l-possibiltà li nħallu lil Alla jkun il-bennej ta' ħajjitna.*

## 5. Eżami tal-kuxjenza

- Tkun ħaġa tajba li jitħejja kartonċin kulurit bil-"pajjiżi" miktubin fuqhom biex l-adolexxenti jikkonċentraw aħjar l-attenzjoni tagħhom waqt l-eżami tal-kuxjenza.
- Ir-riflessjonijiet għandhom isiru bil-mod, biex l-adolexxenti jkollhom ċans jisimgħu u jaħsbu.

### a. Il-pajjiż ta' dawk li ma jridux iħammġu jdejhom – Id-dnub: <u>l-għażż</u>

- Taħli ħin titgħażżen?
- Jekk tinduna li dak li trid tagħmel fih sagrifiċċju, x'tagħmel? Taħrab? Issib skuża biex ma tagħmlux?

### b. Il-pajjiż ta' dawk li qatt ma huma kuntenti – Id-dnub: <u>it-tgergir</u>

- Tħossok m'inti kuntent/a b'xejn?
- Tinduna kemm irċevejt affarijiet sbieħ? Jew toqgħod tgerger u teqred il-ħin kollu?
- Tapprezza kemm ħaddieħor qed ibati u jaħdem għalik?

### c. Il-pajjiż tal-irqad – Id-dnub: <u>in-nuqqas ta' responsabiltà</u>

- Id-dmirijiet tiegħek tagħmilhom kif suppost?
- Tħobb tgħin, speċjalment lill-ġenituri tiegħek?
- Tinduna meta ħaddieħor għandu bżonnok?

**d. Il-pajjiż tal-infieq tal-flus – Id-dnub: <u>il-ħela</u>**

- Int wieħed/waħda li taħli? - ħin, ikel, oġġetti li għadhom tajbin?…
- Taf iġġemma' flus jew tonfoq u ttajjar bla ħsieb?
- Jekk tarmi xi affarijiet, fejn titfagħhom, fl-art jew f'*dustbin*?
- Tagħmel sforz biex tirriċikla oġġetti wżati?

**e. Il-pajjiż tal-bibien magħluqa – Id-dnub: <u>l-egoiżmu</u>**

- Iżżomm kollox għalik?
- Taf taqsam xi affarijiet ma' sħabek, ma' ħbiebek?
- Ġieli tajt xi karità?
- Lest/a tagħmel sagrifiċċju biex ma jbatix ħaddieħor?

**f. Il-pajjiż tal-kunċerti – Id-dnub: <u>l-ilsien ħażin</u>**

- Kemm int sinċier/a? Tħobb tigdeb?
- Ġieli taqla' gideb fuq l-oħrajn?
- Tgħid kliem baxx?
- Tidgħi?

**g. Il-pajjiż ta' dawk li jzekzku – Id-dnub: <u>l-għira</u>**

- Taf tapprezza lill-oħrajn, jew tgħir għalihom?
- Taf tara s-sabiħ fl-oħrajn, jew dejjem tilmaħ xi difett?
- Ġieli xtaqt li tiġri xi ħaġa ħażina lil dawk li ma taqbilx magħhom?

**h. Il-pajjiż tal-monumenti – Id-dnub: <u>is-suppervja</u>**

- Tammetti li tiżbalja, jew taħseb li int dejjem għandek raġun?
- Tħossok li int aħjar mill-oħrajn f'kollox?
- Tipprova tbaxxi jew twaqqa' għaċ-ċajt lill-oħrajn?
- Taf tisma' x'għandu jgħidlek ħaddieħor, jew taħseb li taf kollox?
- Taf titlob skuża?

**6. Ħin ta' skiet għar-riflessjoni personali** *(background music)*

- L-adolexxenti jiġu mistiedna jagħmlu "eżami personali tal-kuxjenza" bħala tħejjija prossima għall-qrar individwali.

**7. Talba: l-Att ta' ndiema** *(tingħad flimkien)*

- Tkun ħaġa tajba li ċ-ċelebrant ifisser li t-talba, aktar milli reċta tal-fomm li tingħad fil-qrar, hi atteġġjament tal-qalb li bih nersqu għall-qrar, u fl-istess waqt hi stqarrija tal-indiema u d-dispjaċir għad-dnubiet.

**8. Kant: <u>Missierna</u>** *(tista' tiġi rreċtata flimkien)*

**9. Qrar u assoluzzjoni individwali**

- Il-ħin li fih isir il-qrar tajjeb li jkun akkumpanjat minn mumenti ta' silenzju, ħinijiet ta' talb, qari mill-Iskrittura, u *background music*.
- Meta jintemm il-qrar jista' jsir il-**ġest** li jitqatta' l-kartonċin bil-"pajjiżi" li jirrappreżentaw id-dnubiet, sinjal li Alla jaħfrilna u jagħmilna sbieħ quddiemu.

## 10. Talb ta' radd il-ħajr: Salm 150 *(flimkien)*

Hallelujah!
Faħħru 'l Alla fit-tempju mqaddes tiegħu,
faħħruh fil-firxa ts-smewwiet qawwija tiegħu!
Faħħruh għall-għemejjel kbar tiegħu,
faħħruh għall-kobor tiegħu bla tarf!
Faħħruh bid-daqq tat-tromba,
faħħruh bl-arpa u ċ-ċetra!
Faħħruh bit-tanbur u biż-żfin,
faħħruh bid-daqq tal-kordi u tas-sfafar!
Faħħruh bid-daqq qawwi taċ-ċimbali,
faħħruh bid-damdim taċ-ċimbali!
Kull ma jieħu n-nifs, ħa jfaħħar il-Mulej!
Hallelujah!

## 11. Proponiment

- Tista' tkun ħaġa tajba li, flimkien mat-tewba tal-konfessur, iċ-ċelebrant jipproponi xi ħaġa aktar konkreta (marbuta mal-eżami tal-kuxjenza) bħala sinjal ta' konverżjoni biex it-tifsira taċ-ċelebrazzjoni penitenzjali ma tintemmx mal-aħħar innu (eż. ġurnata sawm jew nofs ta' nhar silenzju).

## 12. Barka tas-saċerdot

*Ċelebrant:* Il-Mulej magħkom.

*Flimkien:* U miegħek ukoll.

*Ċelebrant:* Iberikkom Alla li jista' kollox, il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu.

*Flimkien:* Ammen.

- Jekk il-benedizzjoni tingħata bl-Ewkaristija, ikun meħtieġ mument qasir ta' adorazzjoni u talb quddiem l-Ewkaristija.

## 13. Kant tal-għeluq

## 10. Notamenti u direttivi kif wieħed jista' jgħix iż-żmien tal-Avvent u tal-Milied

### 1. 30 ta' Novembru 2008: Jibda Żmien l-Avvent

***Żmien l-Avvent għandu żewġ karatteristiċi:***

a) L-ewwel parti mill-ewwel Ħadd (tal-Avvent) sas-16 ta' Diċembru: il-Knisja torjentana u tħeġġiġna sabiex inħejju ruħna għat-tieni miġja ta' Kristu fl-aħħar taż-żmien. Skont San Ċirillu ta' Ġerusalemm hija ta' importanza kbira; infatti jistqarr: "...aħna ma nserrħux rasna bl-ewwel miġja biss, iżda nistennew it-tieni wkoll." Għaliex in-Nisrani huwa l-bniedem tas-sahra u tal-istennija. Ħajtu kollha hija Avvent kontinwu tal-Mulej li ġej; għalhekk il-Mulej jgħidilna: "Ishru, mela, u itolbu l-ħin kollu, biex tkunu tifilħu tgħaddu minn kull ma għandu jiġri u tieqfu quddiem Bin il-bniedem." (Lq.21,36)

b) It-Tieni parti tal-Avvent mis-17 sal-24 ta' Diċembru: il-Knisja torjentana u tħeġġiġna sabiex inħejju ruħna għaċ-ċelebrazzjoni tat-tifkira tat-twelid tal-Mulej fl-istorja, kif jistqarr San Ġwann fil-Vanġelu: "U l-Verb sar bniedem u għammar fostna, u aħna rajna l-glorja tiegħu…" (Ġw. 1,14). Minħabba dawn iż-żewġ raġunijiet, żmien l-Avvent huwa meqjus bħala żmien ta' stennija ferrieħa tal-Mulej li ġej.

### 2. Xi notamenti għal żmien l-Avvent sas-16 ta' Diċembru

a) Fil-ferja li fiha jkun hemm tifkira fakoltattiva, tista' tagħżel l-Uffiċċju jew il-quddiesa tal-ferja, jew l-Uffiċċju u l-quddiesa tat-tifkira jew anki qaddis miktub f'dak il-jum fil-Martiroloġju. (Prinċipji u normi għal-Liturġija tas-Sigħat, 244; 355b).
b) Quddies għal diversi ċirkustanzi jew votiv ma jistgħux jiġu ċċelebrati jekk ma jkunx hemm vera neċessità u utilità patorali (Daħla Missal Ruman 376). Il-quddies tal-mejtin ta' kuljum huwa pprojbit (Daħla Missal Ruman 381).
c) Il-Kant matul iż-żmien tal-Avvent sat-tielet Ħadd għandu jkun marbut mal-istennija tal-Mulej li ġej u mas-sahra, u mhux kant marbut mat-twelid ta' Sidna.
d) Il-proklamazzjoni wara l-konsagrazzjoni fi żmien l-Avvent u l-Milied għandha tkun : *Inħabbru l-mewt tiegħek, Mulej...*
e) Fl-Uffiċċju ferjali l-antifona tal-invitatorju, l-innijiet tal-Uffiċċju tal-Qari, tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum, l-Għasar u l-antifona tal-Talba ta' nofs il-jum għandhom ikunu taż-żmien.
f) L-Orgni u l-istrumenti mużikali għandhom jiġu wżati b'moderazzjoni li turi l-istennija, sahra ferrieħa, iżda mhux fil-milja li jġib it-twelid ta' Sidna. L-istess prinċipju jintuża fl-użu tal-fjuri (Ċerimonjal tal-isfqijiet n.236).
g) Tajjeb li wieħed iġib quddiem għajnejh in-natura ta' żmien l-Avvent anki fejn tidħol iċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament taż-Żwieg (Rit taż-Żwieg, 32).

### 3. Solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni

Tajjeb li wieħed jifhem li l-akbar żmien marjan tas-sena huwa l-Avvent. Marija hija l-figura tal-Avvent *per eccellenza* għaliex nisslet lil Ġesù f'moħħha, f'qalbha u f'ġufha. U

għalhekk mhux ta' b'xejn li l-Knisja tiċċelebra waħda mill-akbar festi tal-Madonna proprju f'dan iż-żmien tal-Avvent: dik tat-8 ta' Diċembru - l-Immakulata. Barra minn hekk, ir-raba' Ħadd tal-Avvent huwa meqjus mill-Knisja bħala l-akbar Ħadd marjan tas-sena. Iżda ta' min ifakkar li l-Ħdud tal-Avvent huma jiem privileġġjati fuq kull festa u solennità oħra; għalhekk peress li din is-sena s-7 ta' Diċembru jaħbat il-Ħadd u huwa lejlet l-Immakulta, il-quddiesa tal-Ħadd filgħaxija għanda ssir dik tat-2 Ħadd tal-Avvent u mhux tas-solennità tal-Immkulata.

### 4. Xi notamenti għall-jiem ta' bejn is-17 u l-24 ta' Diċembru

a) Il-quddies għal ċirkustanzi partikurali jista' jiġi ċċelebrat biss f'każ ta' neċessità u ta' utilità pastorali partikularment gravi (Daħla Missal Ruman 374). Ma jistax jiġi ċċelebrat quddies votiv jew tal-mejtin (Daħla Missal Ruman 381).
b) Il-liturgija tas-Sigħat:
   i. L-Antifona tal-invitatorju u l-innijiet tal-Uffiċċju tal-Qari, tat-Tifhir ta' Sbiħ il-Jum, tal-Għasar u l-antifoni tat-Talb ta' Nofs il-Jum għandhom ikunu taż-żmien.
   ii. Is-Salmi ferjali tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u tal-Għasar għandhom antifoni proprji.
   iii. Fil-quddies ferjali ta' dawn il-jiem hemm propost ċiklu ta' qari bibliku.
   iv. Fis-19,20 u 21 ta' Diċembru jigu ċċelebrati l-"Quattro tempore" tax-xitwa. Fil-Ktieb tal-Barkiet hemm talba għal din iċ-ċirkustanza partikulari. It-Tradizzjoni tal-"Quattro tempore" hi oriġinarjament marbuta mal-ħarsien ta' perjodu speċifiku ta' żmien, erba' darbiet fis-sena. Tista' tiġi mfakkra b'mumenti ta' talb u riflessjoni. Waqt li tiftakar fil-misteru ta' Kristu, il-komunità Nisranija, trodd ħajr lill-Missier għall-frott tal-art u xogħol il-bniedem. (Ktieb tal-Barkiet 1814)
c) Jagħmel sens li fil-knejjes tagħna jintrama l-presepju. Iżda dan isir mhux qabel it-tieni parti tal-Avvent. Ħi ħaġa tajba li nistiednu lill-familji kollha biex fi djarhom jarmaw il-presepju. Żmien il-Milied ma jispiċċax fl-ewwel tas-sena iżda fil-festa tal-Magħmudija tal-Mulej. Għalhekk tajjeb li l-presepju jinżamm almenu sa din il-festa. Fin-Nord tal-Ewropa l-Presepju jibqa' armat fil-knejjes sat-2 ta' Frar, festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju. Hi drawwa sabiħa li tajjeb li nibdew inżommuha, għax sa ċertu punt il-festi tal-misteru tat-twelid jintemmu f'din il-festa.

### 5. 24 ta' Diċembru: Żmien il-Milied

Wara l-għajxien tal-misteru l-kbir tal-Għid il-Knisja m'għandha xejn aktar qaddis jekk mhux iċ-ċelebrazzjoni tat-Twelid ta' Sidna u tal-ewwel wirjiet tiegħu lid-dinja, l-hekk imsejjaħ "Żmien il-Milied" (Normi għas-Sena Liturġika u għall-Kalendarju, 32).

### 6. Xi noti pastorali għall-quddiesa ta' Nofs il-Lejl u ta' Jum il-Milied

a) Fil-lejl tal-Milied qabel il-quddiesa tkun ħaġa xierqa li wieħed jiċċelebra Velja permezz taċ-ċelebrazzjoni tal-Uffiċċju tal-Qari (Daħla Missal Ruman, 215; ara 98, 73). Għal dawk li jieħdu sehem f'din il-Velja, tista' titħalla l-Kompieta (Prinċipji u normi għal-Liturġija tas-Sigħat, 215).

b) Wara t-tislima tas-saċerdot flok l-Att Penitenzjali, f'dan l-ambjent u klima ta' ferħ li ġġib din iċ-ċelebrazzjoni, wieħed jista' jagħmel it-tħabbira tat-Twelid tas-Salvatur. Din it-tħabbira tista' tiġi magħquda mal-kant tal-Glorja.
c) Fil-quddiesa tal-Vġili u tal-Jum tal-Milied, waqt il-Kredu għall-kelmiet: *"U bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu … sar bniedem"*, ninżlu għarkupptejna b'sinjal ta' fidi f'dan il-misteru. (Daħla Missal Ruman, 137)
d) Fi klima ta' ferħ li ġġib magħha din il-festa, f'sens ta' solidarjetà mal-batut waqt l-offertorju tal-ħobż u l-inbid wieħed jista' jtella' oġġetti ta' ikel biex jingħataw karità lil nies fil-bżonn.
e) F'din iċ-ċelebrazzjoni partikulari wieħed jista' jagħti ċerta importanza lis-sinjal tal-paċi.
f) F'jum il-Milied is-saċerdoti jistgħu jqaddsu tliet quddisiet; tajjeb iżda li jitqaddsu fil-ħin tagħhom, jiġifieri: il-quddiesa ta' bil-lejl, il-quddiesa tas-sebħ, u l-quddiesa tal-jum. Ma jagħmilx sens li dan il-quddies jitqaddes wara xulxin għax hekk ikunu biss ċelebrazzjoni ta' devozzjoni personali.
g) In-nies għandhom jiġu mfakkra li jistgħu jitqarbnu fil-quddiesa ta' nofs il-lejl u jistgħu jerġgħu jitqarbnu darba oħra f'quddiesa oħra matul il-jum.

## 7. <u>It-tħabbira tal-Milied waqt il-quddiesa ta' nofs il-lejl</u>

***Iċ- ċelebrant, wara t-tislima tal-bidu, jibda billi jgħid:***

"Ħuti, f'dan il-lejl qaddis ħa jitla' quddiem Alla l-għana ta' radd il-ħajr u tifħir.

Id-dawl ta' Alla s-Salvatur, Ġesù Kristu, bħal dejjem fl-istorja tal-bniedem, idawwal it-triq tal-bniedem mitluf.

Kristu, imnissel qabel kull żmien, iwettaq b'imħabba il-pjan tal-Missier u jitwieled minn mara, il-Verġni Marija, bniedem bħalna jifdi l-umanità. L-Etern jidħol fiż-żmien u fl-istorja, u ż-żmien tal-bniedem isir għalqa għammiela, maħduma mis-Salvatur tad-dinja.

Aħna, bħala Knisja li miexja l-mixja lejn il-futur t'Alla, ejjew nilqgħu is-Salvatur. L-indiema sinċiera għan-nuqqasijiet tagħna tissarraf f'ċertezza li Alla jaħfrilna, u hekk niċċelebraw bħal aħwa "il-Milied tas-Sinjur".

***Wara t-talba għall-maħfra ċ-ċelebrant igħid:***

"U issa, ħuti, inħabbrilkom aħbar tajba, ferħ kbir għall-poplu kollu - isimgħuha bil-ferħ".

***Iċ-ċelebrant jew il-lettur iħabbar:***

"Kienu għaddew ħafna sekli minn meta Alla kien ħalaq id-dinja u kien ħalaq il-bniedem xbieha tiegħu, u kienu għaddew ħafna sekli minn meta kien waqaf id-dilluvju u Alla bagħat il-qawsalla, sinjal ta' paċi. Wieħed u għoxrin seklu wara t-twelid ta' Abraham missierna; tlettax-il seklu wara l-ħruġ ta' Iżrael mill-Eġittu taħt it-tmexxija ta' Mosè; madwar elf sena wara li David kien ġie midluk bħala sultan ta' Iżrael; fil-ħamsa u sittin ġimgħa, skont ma kien ħabbar il-profeta Danjel; fi żmien il-mija u erbgħa u disgħin olimpijadi; fis-sena 752 minn meta twaqqfet il-Belt ta' Ruma; fit-42 sena tal-

Imperu Ruman fi żmien Ċesari Ottavju Awgustu, meta fuq l-art kollha saltnet il-paċi, Ġesù Kristu, Iben il-Missier Etern li ried iqaddes id-dinja bil-miġja ħanina tiegħu, tnissel bl-opra tal-Ispirtu s-Santu."

"Wara disa' xhur jitwieled f'Betlem ta' Ġuda minn Marijia Verġni, u sar bniedem: dan hu l-Milied tas-Sinjur tagħna Ġesù skont il-ġisem."

**Iċ-ċelebrant jgħid:**

"Ħuti, ifirħu u ċċelebraw għal din l-isbaħ aħbar tal-istorja tal-umanità. U b'qalbna mimlija radd il-ħajr, flimkien mal-anġli ta' Betlem u mal-Knisja mxerrda mad-dinja kollha, inkantaw "Glorja 'l Alla u paċi lill-bnedmin kollha."

***Isir il-kant tal-Glorja***

## 8. Festa tal-Familja Mqaddsa ta' Nażaret

Xieraq li ssir ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija għall-familji. Fiha wieħed jista' jġedded il-wegħdiet taż-żwieġ, kif ukoll isir talb speċjali għall-familja u tberik tal-familji. (Ara Ktieb tal-barkiet)

## 9. 31 ta' Diċembru l-aħħar jum tas-Sena

F'kull komunità għandha ssir ċelebrazzjoni ta' radd il-ħajr 'l Alla tal-ġid li rċevejna matul is-sena. Fil-pajjiżi tal-oċċident tiġi ċċelebrata fl-aħħar tas-sena. Dan il-jum iġegeħlna naħsbu fuq il-"misteru taż-żmien", żmien li jgħaddi u li ma jistenna lil ħadd.

Dan iġibilna quddiemna żewġ sentimenti:

a) L-ewwel, ta' ndiema u dispjaċir għall-ħtijiet tagħna u għall-grazzji li tlifna matul is-sena li waslet għat-tmiem.
b) It-tieni, sentiment ta' radd il-ħajr 'l Alla tal-ġid li għamel magħna.

## 10. 1 ta' Jannar 2009

**Xi notamenti għall-l-ferji ta' żmien il-Milied:**

a) Fil-ferji tal-Milied mit-2 ta' Jannar 'il quddiem, fejn ma jkunx hemm tifkira obbligatorja, tista' tagħżel jew l-Uffiċċju u l-quddiesa tal-ferja jew l-Uffiċċju u l-quddiesa tat-tifkira, anki tal-qaddis miktub f'dak il-jum fil-martiroloġju (Prinċipji u normi għal-Liturgija tas-Sigħat, 244; Daħla Missal Ruman, 355b).
b) Quddies "għal diversi ċirkustanzi" jew "votiv" jista' jiġi ċċelebrat biss jekk hemm tassew ħtiega jew utilità pastorali (Daħla Missal Ruman, 136). Il-quddies tal-mejtin huwa pprojbit (Daħla Missal Ruman, 381).
c) Fl-Uffiċċju ferjali l-antifona tal-Invitatorju, l-innijiet tal-Uffiċċju tal-Qari, tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u tal-Għasar, kif ukoll l-antifona tat-Talb ta' Nofs il-Jum huma taż-żmien, kemm qabel kif ukoll wara l-Epifanija.

## 11. Solennità tal-Epifanija, 4 ta' Jannar 2009:

Fi tmiem il-quddiesa wieħed jista' jistieden lill-fidili sabiex ibusu x-xbieha ta' Ġesù tarbija b'sens ta' qima u adorazzjoni kif għamlu l-Maġi.

## 12. Festa tal-Magħmudija tal-Mulej, 11 ta' Jannar 2009

a) Din il-festa ġġib fi tmiemhom il-festi tal-Milied, għalhekk hija ħaġa xierqa li sa din il-festa l-kant waqt il-quddiesa jkun ta' żmien il-Milied.
b) Flok il-Kredu waqt il-quddiesa wieħed jista' jagħmel il-wegħdiet tal-Magħmudija. (Prinċipji u normi għal-Liturġija tas-Sigħat, 215)

## 13. Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju 2 ta' Frar - Jum il-Ħajja kkonsagrata

Fiċ-ċelebrazzjoni tal-lum il-poplu t'Alla jmur jiltaqa' mal-Mulej bix-xemgħa tixgħel f'idejh filwaqt li jfaħħru ma' Xmun li għarfu bħala Kristu l-Mulej, "Dawl biex idawwal il-ġnus". Din il-festa għandha valur għaliex hija tħabbira tal-misteru tal-Għid. Il-katekeżi liturġika u ċ-ċelebrazzjoni permezz tar-rit tal-luċenarju jagħmlu stedina lill-fidili sabiex jgħixu fl-ispirtu s-Sahra l-kbira ta' Sibt il-Għid.

Għalhekk illum qabel il-quddiesa ewlenija tkun ħaġa xierqa li t-tberik tax-xemgħa jsir f'post qrib il-Knisja u mbagħad il-fidili miġbura bix-xemgħa tixgħel f'idejhom jimxu f'purċissjoni lejn il-knisja, waqt li jsellmu lill-Mulej bħala d-dawl tal-ġnus permezz tal-kant. Din hija waħda mill-purċissjonijiet liturġiċi li għandha l-Knisja li għamlitha l-Verġni Marija: b'Ġesù f'dirgħajha wrietu bħala dawl tal-ġnus.

Jekk ma ssirx purċissjoni jista' jsir introjtu solenni. Meta ssir purċissjoni jitħalla barra l-Att Penitenzjali u dritt titkanta l-Glorja.

## WERREJ


1. 1. L-Ikona tal-Avvent ........................................................ 2
2. Tħabbira tal-Avvent (Dun Edward Xuereb) ................................ 3
3. L-ispirtu tal-Avvent fit-Tagħlim ta' San Pawl (Dun Charles Buttigieg) ....... 6
4. Il-qari tal-Ħdud tal-Avvent ........................................................ 10
5. Lectio Divina tal-Vanġelu tal-Ħdud tal-Avvent (Dun Anton Teuma) ....... 11
   - 5.1. L-Ewwel Ħadd ........................................................ 11
   - 5.2. It-Tieni Ħadd ........................................................ 13
   - 5.3. It-Tielet Ħadd ........................................................ 15
   - 5.4. Ir-Raba' Ħadd ........................................................ 17
6. Għajnuna għall-Omelija tal-Ħdud tal-Avvent (Dun Joseph Sultana) ....... 19
   - 6.1. L-Ewwel Ħadd ........................................................ 19
   - 6.2. It-Tieni Ħadd ........................................................ 22
   - 6.3. It-Tielet Ħadd ........................................................ 24
   - 6.4. Ir-Raba' Ħadd ........................................................ 27
7. Novena tal-Milied (Dun Anton Teuma) ............................. 29
8. Priedka tat-Tifel fil-Lejl tal-Milied (Dun Tonio Galea) .................... 32
9. Ċelebrazzjoni penitenzjali għall-adolexxenti (KDŻ) .................... 36
10. Notamenti u direttivi kif wieħed jista' jgħix iż-żmien tal-Avvent u tal-Milied (Dun Nazju Borg) ........................................................ 41
    - 10.1. 30 ta' Novembru 2008: Jibda Żmien l-Avvent .................... 41
    - 10.2. Xi notamenti għal żmien l-Avvent sas-16 ta' Diċembru .................... 41
    - 10.3. Solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni .................... 41
    - 10.4. Xi notamenti għall-jiem ta' bejn is-17 u l-24 ta' Diċembru .................... 42
    - 10.5. 24 ta' Diċembru: Żmien il-Milied ................................ 42
    - 10.6. Xi noti pastorali għall-quddiesa ta' Nofs il-Lejl u ta' Jum il-Milied ....... 42
    - 10.7. It-tħabbira tal-Milied waqt il-quddiesa ta' nofs il-lejl .................... 43
    - 10.8. Festa tal-Familja Mqaddsa ta' Nażaret ................................ 44
    - 10.9. 31 ta' Diċembru l-aħħar jum tas-Sena ................................ 44
    - 10.10. 1 ta' Jannar 2009 ................................ 44
    - 10.11. Solennità tal-Epifanija, 4 ta' Jannar 2009 ................................ 45
    - 10.12. Festa tal-Magħmudija tal-Mulej, 11 ta' Jannar 2009 .................... 45
    - 10.13. Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju, 2 ta' Frar (Jum il-Ħajja kkonsagrata) ................................ 45